Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0359(COD)

14.2.2026

EMENDI
171 - 317

Abbozz ta' rapport
Arba Kokalari, Michael McNamara
(PE782.530v01-00)

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2024/1689 u (UE) 2018/1139 fir-rigward tas-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni ta' regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (Omnibus Diġitali dwar l-IA)

Proposta għal regolament
(COM(2025)0836 – C10-0304/2025 – 2025/0359(COD))

Emenda 171
Adnan Dibrani, Evin Incir, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1, is-subparagrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"(a) l-introduzzjoni fis-suq, it-tqegħid fis-servizz jew l-użu ta' sistema tal-IA li***:***
	(i) timplimenta tekniki subliminali li persuna ma tkunx konxja tagħhom jew tekniki intenzjonalment manipulattivi jew qarrieqa, ***bl-objettiv,*** jew ***bl-effett*** li materjalment ifixklu l-imġiba ta' persuna jew ta' grupp ta' persuni billi jdgħajfu b'mod ***konsiderevoli*** l-abbiltà ***tagħhom*** li ***jieħdu*** deċiżjoni infurmata, u minħabba f'hekk huma jieħdu deċiżjoni li kieku ma kinux jieħdu b'mod li jikkawża jew li aktarx raġonevolment jikkawża ħsara sinifikanti lil dik il-persuna, lil persuna oħra jew lil grupp ta' persuni;
(a) l-introduzzjoni fis-suq, it-tqegħid fis-servizz jew l-użu ta' sistema tal-IA li ***tuża*** tekniki subliminali li persuna ma tkunx konxja tagħhom jew tekniki intenzjonalment manipulattivi jew qarrieqa, ***bil-għan*** jew ***bir-riżultat*** li materjalment ifixklu l-imġiba ta' persuna jew ta' grupp ta' persuni billi jdgħajfu b'mod ***sinifikanti*** l-abbiltà ***tagħha*** li ***tieħu*** deċiżjoni infurmata, u minħabba f'hekk huma jieħdu deċiżjoni li kieku ma kinux jieħdu b'mod li jikkawża jew li aktarx raġonevolament jikkawża ħsara sinifikanti lil dik il-persuna, lil persuna oħra jew lil grupp ta' persuni;	***(ii) tiġġenera jew timmanipula kontenut ta' immaġni, awdjo jew vidjo li jikkostitwixxi "deepfake", li jixbah lil persuni eżistenti u li għal persuna jkun jidher b'mod falz li huwa awtentiku jew veritier, mingħajr il-kunsens tal-persuna fiżika eżistenti; bl-eċċezzjoni ta' istanzi meta l-kontenut ikun jifforma parti minn xogħol jew programm evidentement artistiku, kreattiv, satiriku, fittizju jew analogu, fejn japplikaw l-obbligi ta' trasparenza stabbiliti fl-Artikolu 50 ta' dan ir-Regolament;";**

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' din l-emenda huwa li żżid it-tixrid mhux kunsenswali ta' deepfakes manipulati u ġġenerati mill-IA, li jisfruttaw l-identità, il-vuċi jew il-wiċċ ta' individwi, mal-lista ta' prattiki pprojbiti skont l-Att dwar l-IA. L-isfruttament tal-identità ta' persuna, mingħajr il-kunsens tagħha, biex jinħoloq u jinxtered kontenut li jirrappreżenta b'mod falz lill-individwu inkwistjoni bl-użu tal-IA, għandu jitqies bħala forma ta' serq tal-identità, u l-individwi għandhom jiġu ssalvagwardjati kontra tali prattiki malizzjużi online.

Emenda 172
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1, is-subparagrafu 1, jiddaħħal il-punt li ġej:
	***"(ba) l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz ta' sistema tal-IA li tippermetti r-rappreżentazzjoni ta' attivitajiet sesswalment espliċiti, jew il-partijiet intimi ta' persuni fiżiċi mingħajr il-kunsens tagħhom;";**

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-apps Nudify huma problema reali u li qed tikber. Dawn għandhom jiżdiedu mal-lista ta' prattiki pprojbiti tal-IA biex l-awtoritajiet u l-pjattaformi jkunu jistgħu jipprojbuhom aħjar u biex iċ-ċittadini jiġu protetti aħjar mill-użu mhux mixtieq tagħhom.

Emenda 173
Brando Benifei, Kristian Vigenin, Christel Schaldemose, Pierre Jouvet, Marina Kaljurand, Marc Angel, Francisco Assis, Alex Agius Saliba, José Cepeda, Elena Sancho Murillo, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Hannes Heide

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1, is-subparagrafu 1, jiżdiedu l-punti li ġejjin:
	"(ha) l-introduzzjoni fis-suq, it-tqegħid fis-servizz jew l-użu ta' sistema tal-IA li tiġġenera, timmanipula jew tibdel kontenut ta' immaġni, awdjo jew vidjo li jirrappreżenta persuni fiżiċi għarwenin jew involuti f'imġiba sesswalment espliċita mingħajr il-kunsens mogħti liberament, speċifiku, infurmat u mhux ambigwu ta' dawk il-persuni, jew b'mod li jiffaċilita materjalment l-isfruttament sesswali jew l-abbuż sesswali;
	(hb) l-introduzzjoni fis-suq, it-tqegħid fis-servizz jew l-użu ta' sistema tal-IA li tirrappreżenta jew tipprovdi gwida operazzjonali, ippjanar, struzzjoni jew assistenza għat-twettiq ta' reati kriminali serji kontra l-ħajja jew l-integrità fiżika, inklużi omiċidju, terroriżmu jew reati oħra punibbli fl-Istat Membru kkonċernat b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas erba' snin.";
	Or. en

Emenda 174
Leila Chaibi, Pernando Barrena Arza, Emma Fourreau, Hanna Gedin
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1, is-subparagrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:
	"(ha) L-introduzzjoni fis-suq, it-tqegħid fis-suq, it-tqegħid fis-servizz jew l-użu ta' sistema tal-intelliġenza artifiċjali bl-

intenzjoni li tiġġenera jew timmanipula awdjo, immaġnijiet jew vidjos sesswalizzati ta' individwi identifikabbli mingħajr il-kunsens tagħhom, meta tali mġiba tiffaċilita d-disseminazzjoni mhux kunsenswali ta' materjal intimu jew immanipulat u tikkawża jew aktarx li tikkawża ħsara serja; tali mġiba trid tinftiehem f'konformità mad-definizzjonijiet u mal-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2024/1385.";

Or. en

Emenda 175
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1, is-subparagrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:
	"(ha) l-introduzzjoni fis-suq, it-tqegħid fis-servizz jew l-użu ta' sistema tal-IA li tista' tiġġenera jew timmanipula awdjo, immaġni, jew vidjo sesswalizzati jew intimi ta' individwi u tista' tiffaċilita l-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' materjal intimu jew immanipulat kif definit fid-Direttiva (UE) 2024/1385.";

Or. en

Emenda 176
Michael McNamara, Sandro Gozi, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Nikola Minchev, Lucia Yar, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Fabienne Keller, Laurence Farreng

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1, is-subparagrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:
	"(ha) l-introduzzjoni fis-suq, it-tqegħid fis-servizz jew l-użu ta' sistema tal-IA li tibdel, timmanipula jew tipproduċi b'mod artifiċjali immaġnijiet jew vidjos sabiex tirrappreżenta attivitajiet sesswalment espliċiti jew il-partijiet intimi ta' persuni fiżiċi, jew li tneżża' lil dawk il-persuni, mingħajr il-kunsens tagħhom.";

Or. en

Emenda 177
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1, is-subparagrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:
	"(ha) l-introduzzjoni fis-suq, it-tqegħid fis-servizz, jew l-użu ta' sistema jew funzjonalità tal-IA li tippermetti l-ġenerazzjoni, il-manipulazzjoni ta' awdjo, immaġnijiet u vidjos nudifikati jew sesswalizzati ta' individwi.";

Or. en

Emenda 178
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1, is-subparagrafu 1, il-punt h huwa sostitwit b'dan li ġej:
(h) l-użu ta' sistemi ta' identifikazzjoni bijometrika remota "fil-ħin reali" ***f'żoni*** aċċessibbli għall-pubbliku għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi***, dment li u sakemm dan l-użu jkun strettament meħtieġ għal wieħed mill-objettivi li ġejjin:***	***"(h)*** l-użu ta' sistemi ta' identifikazzjoni bijometrika remota "fil-ħin reali" ***fi spazji*** aċċessibbli għall-pubbliku għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi.";
(i) it-tfittxija mmirata għal vittmi speċifiċi ta' ħtif, traffikar ta' bnedmin jew sfruttament sesswali ta' bnedmin kif ukoll it-tfittxija għal persuni neqsin;	
(ii) il-prevenzjoni ta' theddida speċifika, sostanzjali u imminenti għall-ħajja jew għas-sikurezza fiżika ta' persuni fiżiċi jew theddida ġenwina u preżenti jew ġenwina u prevedibbli ta' attakk terroristiku;	
(iii) il-lokalizzazzjoni jew l-identifikazzjoni ta' persuna suspettata li wettqet reat kriminali, għall-fini tat-twettiq ta' investigazzjoni kriminali jew il-prosekuzzjoni jew l-eżekuzzjoni ta' piena kriminali għal reati, imsemmija fl-Anness II u punibbli fl-Istat Membru kkonċernat b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas erba' snin.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-promulgazzjoni ta' projbizzjoni kompluta tal-identifikazzjoni bijometrika f'ħin reali.

Emenda 179
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1, is-subparagrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:
	“(ha) l-użu ta’ sistemi tal-IA biex jiġi ġġenerat materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal.”;

Or. en

Emenda 180
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) fl-Artikolu 5, il-paragrafi 2 sa 7 huma mħassra.

Or. en

Ġustifikazzjoni

B’rabta mal-projbizzjoni tal-RBI. Is-salvagwardji għall-użu tal-identifikazzjoni bijometrika f’ħin reali inklużi fil-paragrafi 2 sa 7 mhumiex meħtieġa jekk il-prattika tiġi pprojbita għalkollox.

Emenda 181
Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1, is-subparagrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:
	"(ha) l-introduzzjoni fis-suq, it-tqegħid fis-servizz jew l-użu ta' sistema tal-IA li tibdel, timmanipula jew tipproduċi b'mod artifiċjali immaġnijiet jew vidjos sabiex tirrappreżenta attivitajiet sesswalment espliċiti jew il-partijiet intimi ta' persuni fiżiċi, jew li tneżża' lil dawk il-persuni, mingħajr il-kunsens tagħhom.";

Or. en

Emenda 182
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Irrispettivament minn jekk sistema tal-IA tiġix introdotta fis-suq jew imqiegħda fis-servizz b'mod indipendenti mill-prodotti msemmija fil-punti (a) u (b), dik is-sistema tal-IA għandha titqies bħala riskju għoli jekk tkun tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:	***1. Sistema tal-IA għandha titqies bħala b'riskju għoli meta tkun maħsuba biex tintuża bħala komponent tas-sikurezza kritiku ta' prodott kopert bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkat fl-Anness I. Komponent tas-sikurezza ta' prodott għandu jitqies kritiku meta l-funzjonament xieraq tiegħu jkun neċessarju u essenzjali biex jiżgura li l-prodott ikun konformi mar-rekwiżiti tas-sikurezza applikabbli tal-Unjoni. Meta s-sistema tal-IA stess tiġi introdotta fis-suq bħala prodott, hija għandha titqies bħala b'riskju għoli jekk il-funzjonament tajjeb tagħha jkun neċessarju u essenzjali biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza applikabbli tal-Unjoni.***

(a) is-sistema tal-IA hija maħsuba biex tintuża bħala komponent tas-sikurezza ta' prodott, jew is-sistema tal-IA tkun hi stess prodott, kopert bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fl-Anness I;

(b) il-prodott li l-komponent tas-sikurezza tiegħu skont il-punt (a) huwa s-sistema tal-IA, jew is-sistema tal-IA hi stess bħala prodott, jeħtieġ issirlu valutazzjoni tal-konformità minn parti terza, bil-ħsieb li dak il-prodott jiġi introdott fis-suq jew imqiegħed fis-servizz skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fl-Anness I.

Or. en

Emenda 183
Svenja Hahn, Nikola Minchev, Cynthia Ní Mhurchú, Moritz Körner, Jan-Christoph Oetjen, Ana Vasconcelos, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1, il-punt a huwa emendat kif ġej:
(a) is-sistema tal-IA hija maħsuba biex tintuża bħala komponent tas-sikurezza ta' prodott, jew is-sistema tal-IA tkun hi stess prodott, kopert bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fl-Anness I;	***"(a)*** is-sistema tal-IA hija maħsuba biex tintuża bħala komponent tas-sikurezza ta' prodott, jew is-sistema tal-IA tkun hi stess prodott, kopert bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkat fl-Anness I***, il-parti B;"***;

Or. en

Emenda 184
Piotr Müller, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(5a) l-Artikolu 6, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Irrispettivament minn jekk sistema tal-IA tiġix introdotta fis-suq jew imqiegħda fis-servizz b'mod indipendenti mill-prodotti msemmija fil-punti (a) u (b), dik is-sistema tal-IA għandha titqies bħala ***riskju*** għoli jekk tkun tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:	"1. Irrispettivament minn jekk sistema tal-IA tiġix introdotta fis-suq jew imqiegħda fis-servizz b'mod indipendenti mill-prodotti msemmija fil-punti (a) u (b), dik is-sistema tal-IA għandha titqies bħala ***b'riskju*** għoli jekk tkun tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:
(a) is-sistema tal-IA hija maħsuba biex tintuża bħala komponent tas-sikurezza ta' prodott, jew is-sistema tal-IA tkun hi stess prodott, kopert bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fl-Anness I;	(a) is-sistema tal-IA hija maħsuba biex tintuża bħala komponent tas-sikurezza ta' prodott ***u l-funzjonalità tal-IA tħalli impatt fuq is-sikurezza tas-sistema kollha kemm hi***, jew is-sistema tal-IA tkun hi stess prodott, kopert bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkat fl-Anness I;
(b) il-prodott li l-komponent tas-sikurezza tiegħu skont il-punt (a) huwa s-sistema tal-IA, jew is-sistema tal-IA hi stess bħala prodott, jeħtieġ ***issirlu*** valutazzjoni tal-konformità minn parti terza, bil-ħsieb li dak il-prodott jiġi introdott fis-suq jew ***imqiegħed*** fis-servizz skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fl-Anness I.	(b) il-prodott li l-komponent tas-sikurezza tiegħu skont il-punt (a) huwa s-sistema tal-IA, jew is-sistema tal-IA hi stess bħala prodott, jeħtieġ ***li ssirilhom*** valutazzjoni tal-konformità minn parti terza, bil-ħsieb li dak il-prodott jiġi introdott fis-suq jew ***jitqiegħed*** fis-servizz skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fl-Anness I.
	Nuqqas ta' standards armonizzati jew parti minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, li jwassal għal valutazzjoni tal-konformità minn parti terza skont il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni fl-Anness I, fih innifsu ma jistax iwassal biex prodott jew sistema tal-IA jiġu kklassifikati bħala b'riskju għoli.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bidliet introdotti huma neċessarji biex tiġi evitata l-inklużjoni aċċidentali ta' apparati, bħall-apparati domestiċi, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' sistemi tal-IA b'riskju għoli.

Emenda 185
Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2, jiddaħħal il-punt li ġej:
	"(a) B'deroga mill-paragrafu 1, is-sistemi jew il-mudelli tal-IA maħsuba primarjament għal finijiet taċ-ċibersigurtà ma għandhomx jitqiesu bħala komponenti tas-sikurezza.";

Or. en

Emenda 186
Virginie Joron, Jaroslav Bžoch, Ernő Schaller-Baross, Pál Szekeres, Klara Dostalova, Jorge Martín Frías, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Pascale Piera

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
Minkejja l-ewwel subparagrafu, sistema tal-IA msemmija fl-Anness III għandha dejjem titqies bħala b'riskju għoli meta s-sistema tal-IA twettaq tfassil tal-profili ta' persuni fiżiċi.	***(5a) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3, is-subparagrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	"Minkejja l-ewwel subparagrafu, sistema tal-IA msemmija fl-Anness III għandha

	dejjem titqies bħala b'riskju għoli meta s-sistema tal-IA twettaq tfassil tal-profili ta' persuni fiżiċi, għajr meta hija tkun imfassla biex tintuża eskluživament mill-utenti finali.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Article 6, paragraph 1 of the AI Act introduces a definition of high-risk AI systems embedded in products covered by Union harmonisation legislation listed in Annex I of the Act, as safety components. However, cybersecurity AI systems that are embedded in such products should not be considered safety components, as they offer protection from cyber threats rather than operating on the intrinsic safety of the product.The same principle is already adopted by Recital 55, which states that "components intended to be used solely for cybersecurity purposes should not qualify as safety components". This new point 2a aligns the paragraph to the rest of the Act.

Emenda 187
Svenja Hahn, Nikola Minchev, Cynthia Ní Mhurchú, Moritz Körner, Jan-Christoph Oetjen, Ana Vasconcelos, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(5b) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3, it-tielet subparagrafu huwa emendat kif ġej:
Minkejja l-ewwel subparagrafu, sistema tal-IA msemmija fl-Anness III għandha dejjem titqies ***bħala*** b'riskju għoli meta s-sistema tal-IA twettaq tfassil tal-profili ta' persuni fiżiċi.	"Minkejja l-ewwel subparagrafu, sistema tal-IA msemmija fl-Anness III għandha titqies ***li tkun*** b'riskju għoli meta s-sistema tal-IA twettaq tfassil tal-profili ta' persuni fiżiċi ***fis-sens tal-Artikolu 4, il-punt (4) tar-Regolament (UE) 2016/679, u meta tali tfassil tal-profili jkun qed jippreżenta riskji għas-saħħa, għas-sikurezza jew għad-drittijiet fundamentali ta' dawk il-persuni u meta tali tfassil tal-profili jkun qed jinfluwenza materjalment l-eżitu tat-teħid tad-deċiżjonijiet.";***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika biex jiġi żgurat li s-sistemi tal-IA mingħajr riskju jew b'riskju baxx ma jiġux ikklassifikati ħażin b'mod falz bħala b'riskju għoli.

Emenda 188
Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu jiddaħħlu l-punti li ġejjin:
	"(da) is-sistema tal-IA hija maħsuba biex tintuża esklużivament għal finijiet ta' ċibersigurtà;
	(db) f'każijiet oħra, meta l-fornitur ikun jista' juri permezz ta' dokumentazzjoni teknika xierqa li s-sistema tal-IA ma tippreżentax riskju sinifikanti ta' ħsara għas-saħħa, għas-sikurezza jew għad-drittijiet fundamentali tal-persuni fiżiċi.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

AI systems intended solely for cybersecurity purposes should not be classified as high-risk, as they serve to protect against cyber threats rather than posing risks to health, safety, or fundamental rights. This principle is consistent with Recital 55, which states that "components intended to be used solely for cybersecurity purposes should not qualify as safety components".The new letter (f) clarifies that conditions (a)-(e) are not exhaustive. Providers should be able to demonstrate that their AI system does not pose a significant risk of harm to health, safety or fundamental rights through appropriate technical documentation, even when the system does not fit the specific scenarios in letters (a)-(e). This ensures that genuinely low-risk AI systems are not classified as high-risk merely because they fall outside predefined categories, while maintaining the principle that classification must be anchored to actual risk rather than a closed list of use cases.

Emenda 189
Leila Chaibi, Pernando Barrena Arza
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 huwa mħassar;

Or. en

Emenda 190
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6) ***fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3, jiddaħħal is-subparagrafu 2a:***
	"Il-kundizzjonijiet elenkati fil-punti (a) sa (d) jikkostitwixxu lista mhux eżawrjenti. Il-forniturijistgħu juru, abbażi ta' evidenza oġġettiva u verifikabbli, li sistema tal-IA ma tippreżentax riskju sinifikanti ta' ħsara u għalhekk ma għandhiex titqies li hija b'riskju għoli. Is-sistemi tal-IA li jibbenefikaw minn dan il-paragrafu għandhom jibqgħu soġġetti għal obbligi applikabbli oħra skont dan ir-Regolament, inklużi dawk stabbiliti fl-Artikolu 50.";

Or. en

Emenda 191
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3, is-subparagrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Minkejja l-ewwel subparagrafu, sistema tal-IA msemmija fl-Anness III għandha ***dejjem*** titqies ***bħala*** b'riskju għoli meta s-sistema tal-IA twettaq tfassil tal-profili ta' persuni fiżiċi.	***"***Minkejja l-ewwel subparagrafu, sistema tal-IA msemmija fl-Anness III għandha titqies ***li tkun*** b'riskju għoli meta s-sistema tal-IA twettaq tfassil tal-profili ta' persuni fiżiċi***, meta jkun hemm il-possibbiltà li tali tfassil tal-profili aktarx li jinfluwenza materjalment l-eżitu tat-teħid tad-deċiżjonijiet.";***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' din l-emenda huwa li tintroduċi kjarifika li, sabiex jitqies li huwa b'riskju għoli, jeħtieġ li jkun hemm il-possibbiltà li t-tfassil tal-profili aktarx li jinfluwenza materjalment l-eżitu tat-teħid ta' deċiżjonijiet, f'konformità mal-loġika fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

Emenda 192
Lukas Mandl, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3, is-subparagrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Minkejja l-ewwel subparagrafu, sistema tal-IA msemmija fl-Anness III għandha	***"***Minkejja l-ewwel subparagrafu, sistema tal-IA msemmija fl-Anness III għandha

dejjem titqies ***bħala*** b'riskju għoli meta s-sistema tal-IA twettaq tfassil tal-profili ta' persuni fiżiċi.	titqies ***li tkun*** b'riskju għoli meta s-sistema tal-IA twettaq tfassil tal-profili ta' persuni fiżiċi***, meta jkun hemm il-possibbiltà li tali tfassil tal-profili aktarx li jinfluwenza materjalment l-eżitu tat-teħid tad-deċiżjonijiet.";***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' din l-emenda huwa li tintroduċi kjarifika li, sabiex jitqies li huwa b'riskju għoli, jeħtieġ li jkun hemm il-possibbiltà li t-tfassil tal-profili aktarx li jinfluwenza materjalment l-eżitu tat-teħid ta' deċiżjonijiet, f'konformità mal-loġika fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

Emenda 193
Axel Voss, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3, is-subparagrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Minkejja l-ewwel subparagrafu, sistema tal-IA msemmija fl-Anness III għandha ***dejjem*** titqies ***bħala*** b'riskju għoli meta s-sistema tal-IA twettaq tfassil tal-profili ta' persuni fiżiċi.	***"***Minkejja l-ewwel subparagrafu, sistema tal-IA msemmija fl-Anness III għandha titqies ***li tkun*** b'riskju għoli meta s-sistema tal-IA twettaq tfassil tal-profili ta' persuni fiżiċi***, meta jkun hemm il-possibbiltà li tali tfassil tal-profili aktarx li jinfluwenza materjalment l-eżitu tat-teħid tad-deċiżjonijiet.";***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' din l-emenda huwa li tintroduċi kjarifika li, sabiex jitqies li huwa b'riskju għoli, jeħtieġ li jkun hemm il-possibbiltà li t-tfassil tal-profili aktarx li jinfluwenza materjalment l-eżitu tat-teħid ta' deċiżjonijiet, f'konformità mal-loġika fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu

3 tal-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

Emenda 194
Piotr Müller, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(5b) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3, is-subparagrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
B'deroga mill-paragrafu 2, sistema tal-IA msemmija fl-Anness III ma għandhiex titqies ***bħala*** b'riskju għoli fejn ma toħloqx riskju sinifikanti ta' ħsara, għas-saħħa, għas-sikurezza jew għad-drittijiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, inkluż billi ma tinfluwenzax materjalment l-eżitu tat-teħid ***tad-deċiżjonijiet***.	B'deroga mill-paragrafu 2, sistema tal-IA msemmija fl-Anness III ma għandhiex titqies ***li tkun*** b'riskju għoli fejn ma toħloqx riskju sinifikanti ta' ħsara, għas-saħħa, għas-sikurezza jew għad-drittijiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, inkluż billi ma tinfluwenzax materjalment l-eżitu tat-teħid ***tad-deċiżjonijietjew billi tiżgura b'mod sinifikattiv intervent jew rieżami mill-bniedem***.***";***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tiżgura li tiġi rikonoxxuta sorveljanza sinifikattiva mill-bniedem fil-kuntest tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-IA.

Emenda 195
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
3. B’deroga mill-paragrafu 2, sistema tal-IA msemmija fl-Anness III ma għandhiex titqies bħala b’riskju għoli fejn ma toħloqx riskju sinifikanti ta’ ħsara, għas-saħħa, għas-sikurezza jew għad-drittijiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, inkluż billi ma tinfluwenzax materjalment l-eżitu tat-teħid tad-deċiżjonijiet.	***(5a) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:***
L-ewwel subparagrafu għandu japplika fejn tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:	***“3. Sistema tal-IA li ssir referenza għaliha fl-Anness III ma għandhiex titqies li tkun b’riskju għoli fejn ma tippreżentax riskju sinifikanti ta’ ħsara għad-drittijiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, inkluż billi tiżgura rieżami mill-bniedem.”;***
(a) is-sistema tal-IA hija maħsuba biex twettaq kompitu proċedurali ristrett;	
(b) is-sistema tal-IA hija maħsuba biex ittejjeb ir-riżultat ta’ attività mill-bniedem li tkun tlestiet qabel;	
(c) is-sistema tal-IA hija maħsuba biex tikxef xejriet ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet jew devjazzjonijiet minn xejriet ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet preċedenti u mhijiex maħsuba biex tissostitwixxi jew tinfluwenza l-valutazzjoni mill-bniedem li tkun tlestiet qabel, mingħajr rieżami xieraq mill-bniedem; jew	
(d) is-sistema tal-IA hija maħsuba biex twettaq kompitu preparatorju għal valutazzjoni rilevanti għall-finijiet tal-każijiet ta’ użu elenkati fl-Anness III.	
Minkejja l-ewwel subparagrafu, sistema tal-IA msemmija fl-Anness III għandha dejjem titqies bħala b’riskju għoli meta s-sistema tal-IA twettaq tfassil tal-profili ta’ persuni fiżiċi.	

Or. en

Emenda 196
Kristian Vigenin, Brando Benifei, Hannes Heide, Francisco Assis, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Christel Schaldemose, Pierre Jouvet, Marc Angel, Alex Agius Saliba, José Cepeda, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) fl-Artikolu 6(4), il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"4. Fornitur li jkun jidhirlu li sistema tal-IA msemmija fl-Anness III mhix b'riskju għoli għandu jiddokumenta l-valutazzjoni tiegħu qabel ma dik is-sistema tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz. Meta jintalab mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-fornitur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni.";	

Or. en

Emenda 197
Marion Walsmann, Hildegard Bentele, Christine Schneider, Stefan Köhler, Sven Simon, Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) fl-Artikolu 6(4), il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"4. Fornitur li jkun jidhirlu li sistema tal-IA msemmija fl-Anness III mhix b'riskju għoli għandu jiddokumenta l-valutazzjoni tiegħu qabel ma dik is-sistema tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz. Meta jintalab mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-	

fornitur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żamma tal-obbligu ta' reġistrazzjoni għal sistemi tal-Anness III li mhumiex b'riskju għoli tiżgura sorveljanza konsistenti u tipprovdi lill-awtoritajiet b'data komparabbli. Dan jgħin biex tingħata prijorità lis-sorveljanza tas-suq u jiġu identifikati każijiet ta' użu emerġenti. Peress li l-fornituri xorta waħda jeħtiġilhom iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju biex jitolbu l-eżenzjonijiet, il-piż amministrattiv miżjud huwa limitat u proporzjonat, filwaqt li l-benefiċċji għat-trasparenza u għas-superviżjoni huma tanġibbli.

Emenda 198
Michael McNamara, Sandro Gozi, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Fabienne Keller, Laurence Farreng

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) fl-Artikolu 6(4), il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"4. Fornitur li jkun jidhirlu li sistema tal-IA msemmija fl-Anness III mhix b'riskju għoli għandu jiddokumenta l-valutazzjoni tiegħu qabel ma dik is-sistema tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz. Meta jintalab mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-fornitur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni.";	

Or. en

Emenda 199
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) fl-Artikolu 6(4), il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"4. Fornitur li jkun jidhirlu li sistema tal-IA msemmija fl-Anness III mhix b'riskju għoli għandu jiddokumenta l-valutazzjoni tiegħu qabel ma dik is-sistema tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz. Meta jintalab mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-fornitur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni.";	

Or. en

Emenda 200
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) fl-Artikolu 6(4), il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"4. Fornitur li jkun jidhirlu li sistema tal-IA msemmija fl-Anness III mhix b'riskju għoli għandu jiddokumenta l-valutazzjoni tiegħu qabel ma dik is-sistema tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz. Meta jintalab mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-fornitur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni.";	

Or. en

Emenda 201
Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) fl-Artikolu 6(4), il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"4. Fornitur li jkun jidhirlu li sistema tal-IA msemmija fl-Anness III mhix b'riskju għoli għandu jiddokumenta l-valutazzjoni tiegħu qabel ma dik is-sistema tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz. Meta jintalab mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-fornitur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni.";	

Or. en

Emenda 202
Leila Chaibi, Pernando Barrena Arza
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) fl-Artikolu 6(4), il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"4. Fornitur li jkun jidhirlu li sistema tal-IA msemmija fl-Anness III mhix b'riskju għoli għandu jiddokumenta l-valutazzjoni tiegħu qabel ma dik is-sistema tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz. Meta jintalab mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-fornitur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni.";	

Or. en

Emenda 203
Piotr Müller, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fornitur li jkun jidhirlu li sistema tal-IA msemmija fl-Anness III ***mhix*** b'riskju għoli għandu jiddokumenta l-valutazzjoni tiegħu qabel ma dik is-sistema tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz. Meta jintalab mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-fornitur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni.***"**;	4. Fornitur li jkun jidhirlu li sistema tal-IA msemmija fl-Anness III ***mhijiex*** b'riskju għoli għandu jiddokumenta l-valutazzjoni tiegħu qabel ma dik is-sistema tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz. Meta jintalab mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-fornitur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni ***sa fejn ikun strettament meħtieġ biex juri li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(3) huma ssodisfati***.;

Or. en

Emenda 204
Zala Tomašič, Tomáš Zdechovský, Jan Farský, Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fornitur li jkun jidhirlu li sistema tal-IA msemmija fl-Anness III ***mhix*** b'riskju għoli għandu jiddokumenta l-valutazzjoni tiegħu qabel ma dik is-sistema tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz. Meta jintalab mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-fornitur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni.***";**	4. Fornitur li jkun jidhirlu li sistema tal-IA msemmija fl-Anness III ***mhijiex*** b'riskju għoli għandu jiddokumenta l-valutazzjoni tiegħu qabel ma dik is-sistema tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz. Meta jintalab mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-fornitur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni ***limitata għall-informazzjoni***

minima neċessarja biex juri li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 6(3) huma ssodisfati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda żżomm l-approċċ tal-Kummissjoni "iddokumenta u pprovdi fuq talba" u tiżgura li l-awtoritajiet jitolbu biss dak li huwa neċessarju biex tiġi vverifikata l-awtovalutazzjoni tal-Artikolu 6(3). Tissimplifika r-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni għas-sistemi kollha tal-IA b'riskju għoli, iżżid iċ-ċertezza legali, tnaqqas il-piż amministrattiv bla bżonn, u tippromwovi superviżjoni konsistenti fl-Istati Membri kollha mingħajr ma ddgħajjef is-sorveljanza.

Emenda 205
Jaroslav Bžoch, Klara Dostalova

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) fl-Artikolu 6(4), il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"4. Fornitur li jkun jidhirlu li sistema tal-IA msemmija fl-Anness III mhix b'riskju għoli għandu jiddokumenta l-valutazzjoni tiegħu qabel ma dik is-sistema tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz. Meta jintalab mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-fornitur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni.";	

Or. en

Emenda 206
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fornitur li jkun jidhirlu li sistema tal-IA msemmija fl-Anness III ***mhix*** b'riskju għoli għandu jiddokumenta l-valutazzjoni tiegħu qabel ma dik is-sistema tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz. Meta jintalab mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-fornitur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni.**"**;	4. Fornitur li jkun jidhirlu li sistema tal-IA msemmija fl-Anness III ***mhijiex*** b'riskju għoli għandu jiddokumenta l-valutazzjoni tiegħu qabel ma dik is-sistema tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz***, mingħajr obbligu ta' reġistrazzjoni***. Meta jintalab mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-fornitur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tappoġġa l-idea tal-proposta tal-Kummissjoni b'aktar ċarezza. Hija tenfasizza li ma hemm l-ebda obbligu ta' reġistrazzjoni, sabiex jinkiseb tnaqqis fil-burokrazija.

Emenda 207
Svenja Hahn, Nikola Minchev, Cynthia Ní Mhurchú, Moritz Körner, Jan-Christoph Oetjen, Ana Vasconcelos, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fornitur li jkun jidhirlu li sistema tal-IA msemmija fl-Anness III ***mhix*** b'riskju għoli għandu jiddokumenta l-valutazzjoni tiegħu qabel ma dik is-sistema tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz. ***Meta jintalab mill-awtoritajiet*** nazzjonali kompetenti, il-fornitur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni.";	4. Fornitur li jkun jidhirlu li sistema tal-IA msemmija fl-Anness III ***mhijiex*** b'riskju għoli għandu jiddokumenta l-valutazzjoni tiegħu qabel ma dik is-sistema tiġi introdotta fis-suq jew titqiegħed fis-servizz. ***Fuq talba raġonevoli mingħand l-awtoritajiet*** nazzjonali kompetenti, il-fornitur għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni.";

Or. en

Emenda 208
Leila Chaibi, Pernando Barrena Arza
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:	***imħassar***
(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:	
"1. Sistemi tal-IA b'riskju għoli li jużaw tekniki li jinvolvu t-taħriġ ta' mudelli tal-IA bid-data għandhom jiġu żviluppati abbażi ta' settijiet tad-data għat-taħriġ, għall-validazzjoni u għall-ittestjar li jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 4a(1) kull meta jintużaw dawn is-settijiet tad-data.";	
(b) jitħassar il-paragrafu 5;	
(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:	
"6. Għall-iżvilupp ta' sistemi tal-IA b'riskju għoli li ma jużawx tekniki li jinvolvu t-taħriġ ta' mudelli tal-IA, il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 4a(1) japplikaw biss għas-settijiet tad-data għall-ittestjar.";	

Or. en

Emenda 209
Kristian Vigenin, Brando Benifei, Hannes Heide, Francisco Assis, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Christel Schaldemose, Pierre Jouvet, Marc Angel, Alex Agius Saliba, José Cepeda, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:	***imħassar***
(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:	
"1. Sistemi tal-IA b'riskju għoli li jużaw tekniki li jinvolvu t-taħriġ ta' mudelli tal-IA bid-data għandhom jiġu żviluppati abbażi ta' settijiet tad-data għat-taħriġ, għall-validazzjoni u għall-ittestjar li jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 4a(1) kull meta jintużaw dawn is-settijiet tad-data.";	
(b) jitħassar il-paragrafu 5;	
(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:	
"6. Għall-iżvilupp ta' sistemi tal-IA b'riskju għoli li ma jużawx tekniki li jinvolvu t-taħriġ ta' mudelli tal-IA, il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 4a(1) japplikaw biss għas-settijiet tad-data għall-ittestjar.";	

Or. en

Emenda 210
Markéta Gregorová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jitħassar il-paragrafu 5;	(b) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 5, is-subparagrafu 1 huwa emendat kif ġej:
	"Sal-punt li jkun strettament neċessarju għall-fini li jiġu żgurati d-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-preġudizzji b'rabta mas-sistemi tal-IA b'riskju għoli f'konformità

	mal-paragrafu (2), il-punti (f) u (g) ta' dan l-Artikolu, il-fornituri ta' tali sistemi jistgħu jipproċessaw b'mod eċċezzjonali kategoriji speċjali ta' data personali, dment li jkun hemm salvagwardji xierqa għad-drittijiet u għal-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi. L-ipproċessar ta' data personali skont dan il-paragrafu għandu jitqies b'riskju għoli skont it-tifsira tal-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/679. Minbarra d-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 u d-Direttiva (UE) 2016/680, sabiex iseħħ tali pproċessar iridu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:";

Or. en

Emenda 211
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt c
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"6. Għall-iżvilupp ta' sistemi tal-IA b'riskju għoli li ma jużawx tekniki li jinvolvu t-taħriġ ta' mudelli tal-IA, il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 4a(1) japplikaw biss għas-settijiet tad-data għall-ittestjar.";	

Or. en

Emenda 212
Leila Chaibi, Pernando Barrena Arza
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) fl-Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"Dik id-dokumentazzjoni teknika għandha titfassal b'mod li turi li s-sistema tal-IA b'riskju għoli tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati f'din it-Taqsima u tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-korpi notifikati b'mod ċar u komprensiv biex tiġi vvalutata l-konformità tas-sistema tal-IA ma' dawk ir-rekwiżiti. Bħala minimu, għandu jkun fiha l-elementi stipulati fl-Anness IV. L-SMCs u l-SMEs, inkluż in-negozji ġodda, jistgħu jipprovdu l-elementi tad-dokumentazzjoni teknika speċifikata fl-Anness IV b'mod simplifikat. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi formola simplifikata għad-dokumentazzjoni teknika skont il-ħtiġijiet tal-SMCs u tal-SMEs, inkluż tan-negozji ġodda. Meta SMC jew SME, inkluż negozju ġdid, tagħżel li tipprovdi l-informazzjoni mitluba fl-Anness IV b'mod simplifikat, din għandha tuża l-formola msemmija f'dan il-paragrafu. Il-korpi notifikati għandhom jaċċettaw il-formola għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità.";	

Or. en

Emenda 213
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8

Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) fl-Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"Dik id-dokumentazzjoni teknika għandha titfassal b'mod li turi li s-sistema tal-IA b'riskju għoli tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati f'din it-Taqsima u tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-korpi notifikati b'mod ċar u komprensiv biex tiġi vvalutata l-konformità tas-sistema tal-IA ma' dawk ir-rekwiżiti. Bħala minimu, għandu jkun fiha l-elementi stipulati fl-Anness IV. L-SMCs u l-SMEs, inkluż in-negozji ġodda, jistgħu jipprovdu l-elementi tad-dokumentazzjoni teknika speċifikata fl-Anness IV b'mod simplifikat. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi formola simplifikata għad-dokumentazzjoni teknika skont il-ħtiġijiet tal-SMCs u tal-SMEs, inkluż tan-negozji ġodda. Meta SMC jew SME, inkluż negozju ġdid, tagħżel li tipprovdi l-informazzjoni mitluba fl-Anness IV b'mod simplifikat, din għandha tuża l-formola msemmija f'dan il-paragrafu. Il-korpi notifikati għandhom jaċċettaw il-formola għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità.";	

Or. en

Emenda 214
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dik id-dokumentazzjoni teknika għandha titfassal b'mod li turi li s-sistema tal-IA b'riskju għoli tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati f'din it-Taqsima u tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-korpi notifikati b'mod ċar u komprensiv biex tiġi vvalutata l-konformità tas-sistema tal-IA ma' dawk ir-rekwiżiti. Bħala minimu, għandu jkun fiha l-elementi stipulati fl-Anness IV. ***L-SMCs u l-SMEs, inkluż in-negozji ġodda, jistgħu jipprovdu l-elementi tad-dokumentazzjoni teknika speċifikata fl-Anness IV b'mod simplifikat. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi formola simplifikata għad-dokumentazzjoni teknika skont il-ħtiġijiet tal-SMCs u tal-SMEs, inkluż tan-negozji ġodda. Meta SMC jew SME, inkluż negozju ġdid, tagħżel li tipprovdi l-informazzjoni mitluba fl-Anness IV b'mod simplifikat, din għandha tuża l-formola msemmija f'dan il-paragrafu. Il-korpi notifikati għandhom jaċċettaw il-formola għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità.";***	Dik id-dokumentazzjoni teknika għandha titfassal b'mod li turi li s-sistema tal-IA b'riskju għoli tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati f'din it-Taqsima u tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-korpi notifikati b'mod ċar u komprensiv biex tiġi vvalutata l-konformità tas-sistema tal-IA ma' dawk ir-rekwiżiti. Bħala minimu, għandu jkun fiha l-elementi stipulati fl-Anness IV.

Or. en

Emenda 215
Brando Benifei, Kristian Vigenin, Christel Schaldemose, Pierre Jouvet, Marc Angel, Francisco Assis, Alex Agius Saliba, José Cepeda, Elena Sancho Murillo, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Hannes Heide

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dik id-dokumentazzjoni teknika għandha titfassal b'mod li turi li s-sistema tal-IA b'riskju għoli tkun konformi mar-rekwiżiti	***"Dik*** id-dokumentazzjoni teknika għandha titfassal b'mod li turi li s-sistema tal-IA b'riskju għoli tkun konformi mar-rekwiżiti

stipulati f'din it-Taqsima u tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-korpi notifikati b'mod ċar u komprensiv biex tiġi vvalutata l-konformità tas-sistema tal-IA ma' dawk ir-rekwiżiti. Bħala minimu, għandu jkun fiha l-elementi stipulati fl-Anness IV. L-SMCs ***u l-SMEs***, ***inkluż in-negozji*** ġodda, jistgħu jipprovdu l-elementi tad-dokumentazzjoni teknika speċifikata fl-Anness IV b'mod simplifikat. Għal ***dan*** il-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi formola simplifikata għad-dokumentazzjoni teknika ***skont*** il-ħtiġijiet ***tal-SMCs u*** tal-SMEs, ***inkluż tan-negozji*** ġodda. Meta ***SMC jew*** SME, inkluż negozju ġdid, tagħżel li tipprovdi l-informazzjoni mitluba fl-Anness IV b'mod simplifikat, din għandha tuża l-formola msemmija f'dan il-paragrafu. Il-korpi notifikati għandhom jaċċettaw il-formola għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità.;	stipulati f'din it-Taqsima u tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-korpi notifikati b'mod ċar u komprensiv biex tiġi vvalutata l-konformità tas-sistema tal-IA ma' dawk ir-rekwiżiti. Bħala minimu, għandu jkun fiha l-elementi stipulati fl-Anness IV. L-SMCs, ***inklużi n-negozji*** ġodda, jistgħu jipprovdu l-elementi tad-dokumentazzjoni teknika speċifikata fl-Anness IV b'mod simplifikat. Għal ***dak*** il-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi formola simplifikata għad-dokumentazzjoni teknika ***immirata lejn*** il-ħtiġijiet tal-SMEs, ***inklużi n-negozji*** ġodda. Meta SME, inkluż negozju ġdid, tagħżel li tipprovdi l-informazzjoni mitluba fl-Anness IV b'mod simplifikat, din għandha tuża l-formola msemmija f'dan il-paragrafu. Il-korpi notifikati għandhom jaċċettaw il-formola għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità.**"**;

Or. en

Emenda 216
Leila Chaibi, Pernando Barrena Arza
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) fl-Artikolu 17, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"2. L-implimentazzjoni tal-aspetti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun proporzjonata għad-daqs tal-organizzazzjoni tal-fornitur, b'mod partikolari jekk il-fornitur ikun SMC jew SME, inkluż negozju ġdid. Fi kwalunkwe każ, il-forniturigħandhom jirrispettaw il-	

grad tar-rigorożità u l-livell tal-protezzjoni meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli tagħhom ma' dan ir-Regolament.";

Or. en

Emenda 217
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) fl-Artikolu 17, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"2. L-implimentazzjoni tal-aspetti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun proporzjonata għad-daqs tal-organizzazzjoni tal-fornitur, b'mod partikolari jekk il-fornitur ikun SMC jew SME, inkluż negozju ġdid. Fi kwalunkwe każ, il-forniturigħandhom jirrispettaw il-grad tar-rigorożità u l-livell tal-protezzjoni meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli tagħhom ma' dan ir-Regolament.";	

Or. en

Emenda 218
Brando Benifei, Kristian Vigenin, Christel Schaldemose, Pierre Jouvet, Marc Angel, Francisco Assis, Alex Agius Saliba, José Cepeda, Elena Sancho Murillo, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Hannes Heide

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-implimentazzjoni tal-aspetti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun proporzjonata għad-daqs tal-organizzazzjoni tal-fornitur, b'mod partikolari jekk il-fornitur ikun ***SMC jew*** SME, inkluż negozju ġdid. Fi kwalunkwe każ, il-fornituri għandhom jirrispettaw il-grad tar-rigorożità u l-livell tal-protezzjoni meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli tagħhom ma' dan ir-Regolament.;	2. L-implimentazzjoni tal-aspetti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun proporzjonata għad-daqs tal-organizzazzjoni tal-fornitur, b'mod partikolari jekk il-fornitur ikun SME, inkluż negozju ġdid. Fi kwalunkwe każ, il-fornituri għandhom jirrispettaw il-grad tar-rigorożità u l-livell tal-protezzjoni meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli tagħhom ma' dan ir-Regolament.**"**;

Or. en

Emenda 219
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-implimentazzjoni tal-aspetti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun proporzjonata għad-daqs tal-organizzazzjoni tal-fornitur, b'mod partikolari jekk il-fornitur ikun ***SMC jew*** SME, inkluż negozju ġdid. Fi kwalunkwe każ, il-fornituri għandhom jirrispettaw il-grad tar-rigorożità u l-livell tal-protezzjoni meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli tagħhom ma' dan ir-Regolament.;	2. L-implimentazzjoni tal-aspetti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun proporzjonata għad-daqs tal-organizzazzjoni tal-fornitur, b'mod partikolari**,** jekk il-fornitur ikun SME, inkluż negozju ġdid. Fi kwalunkwe każ, il-fornituri għandhom jirrispettaw il-grad tar-rigorożità u l-livell tal-protezzjoni meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli tagħhom ma' dan ir-Regolament.;

Or. en

Emenda 220
Axel Voss

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) fl-Artikolu 25, il-paragrafu 1, jiddaħħal is-subparagrafu 1a:
	"L-entitajiet li jixtru u jirfinaw mudell tal-IA bi skop ġenerali jew li jirfinawh biex sussegwentement jużawh f'sistema tal-IA b'riskju għoli għandhom isiru fornitur biss jekk il-komputazzjoni tat-taħriġ użata għall-modifika tkun akbar minn terz tal-komputazzjoni tat-taħriġ tal-mudell oriġinali. Il-kwistjoni dwar jekk dik l-entità ssirx fornitur għandha tkun mingħajr preġudizzju għal-liġijiet applikabbli dwar id-drittijiet tal-awtur.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

The AI value chain relies heavily on downstream adaptation (i.e. fine-tuning and integration of existing GPAI models), so EU rules must provide a predictable pathway for AI deployers to innovate without automatically being reclassified as AI providers. An operational threshold for "substantial modification" increases legal certainty and ensures consistent application across Member States, reducing unnecessary compliance risk for EU integrators, in particular SMEs. Using a measurable compute-based benchmark draws a clear line between limited adaptation and capability-changing redevelopment that should trigger provider obligations.

Emenda 221
Axel Voss

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9b (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 25 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(9b) fl-Artikolu 25, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. Meta jseħħu ċ-ċirkostanzi msemmijin fil-paragrafu 1, il-fornitur li inizjalment ikun introduċa s-sistema tal-IA fis-suq jew ***qegħedha*** fis-servizz ***m'għandux*** jibqa' jitqies bħala fornitur ta' dik is-sistema speċifika tal-IA għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. ***Dak il-fornitur inizjali għandu jikkoopera mill-qrib ma fornituri ġodda u għandu jagħmel disponibbli l-informazzjoni meħtieġa u jipprovdi l-aċċess tekniku raġonevolment mistenni u assistenza oħra meħtieġa għat-twettiq tal-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-konformità mal-valutazzjoni tal-konformità tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli. Dan il-paragrafu m'għandux japplika f'każijiet fejn il-fornitur inizjali jkun speċifika b'mod ċar li s-sistema tal-IA tiegħu m'għandhiex tinbidel f'sistema tal-IA b'riskju għoli u għalhekk ma taqax taħt l-obbligu li jgħaddi d-dokumentazzjoni.***	***"2.*** Meta jseħħu ċ-ċirkostanzi msemmijin fil-paragrafu 1, il-fornitur li inizjalment ikun introduċa s-sistema tal-IA fis-suq jew ***qegħidha*** fis-servizz ***ma għandux*** jibqa' jitqies bħala fornitur ta' dik is-sistema speċifika tal-IA għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.
	Dak il-fornitur inizjali, kif ukoll il-fornituri ta' mudelli tal-IA bi skop ġenerali li l-mudelli tagħhom ikunu integrati f'sistemi tal-IA b'riskju għoli, għandu jikkoopera mill-qrib ma fornituri ġodda u għandu jagħmel disponibbli l-informazzjoni meħtieġa u jipprovdi l-aċċess tekniku raġonevolment mistenni u assistenza oħra meħtieġa għat-twettiq tal-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-konformità mal-valutazzjoni tal-konformità tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli.
	Dan l-obbligu għandu jinkludi:
	(a) Dokumentazzjoni teknika suffiċjenti biex tiġi vvalutata l-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 16;

(b) Limitazzjonijiet magħrufa u modalitajiet ta' falliment li jistgħu jaffettwaw applikazzjonijiet b'riskju għoli;

(c) Aċċess tekniku raġonevoli għall-finijiet ta' ttestjar u validazzjoni.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Clear value-chain collaboration duties are necessary to make the reallocation of "provider" responsibility in Article 25 workable in practice: once a new provider takes over after rebranding, substantial modification or change of intended purpose, they still depend on upstream information to complete conformity assessment and ongoing compliance. Stakeholder evidence highlights persistent "responsibility gaps" in the AI value chain, especially where GPAI models are integrated and modified, because key compliance elements (i.e. documentation, known limitations, failure modes, testability) often sit with upstream actors. Requiring initial providers and GPAI model providers to provide the necessary documentation, reasonable technical access and assistance therefore reduces legal uncertainty and prevents de-facto non-compliance driven by missing information rather than bad faith. This is particularly important for EU SMEs and Start-Ups, for whom predictable cooperation from upstream suppliers is a prerequisite to meet high-risk obligations efficiently and consistently across the Single Market.

Emenda 222
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(9a) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
4. Jekk diġà tkun saret konformità ma' xi wieħed mill-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu 'permezz tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew l-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2016/680, il-valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali msemmija fil-	***"4. Jekk kwalunkwe obbligu minn dawk stipulati f'dan l-Artikolu diġà jkun ġie ssodisfat permezz ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data imwettqa skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew l-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2016/680, dik il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni***

paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tikkomplementa dik il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data.	***tad-data tista' tintuża biex tissodisfa, bis-sħiħ jew parzjalment, ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta l-ambitu u l-kontenut tagħha jkunu ekwivalenti.";***

Or. en

Emenda 223
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(9a) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
4. Jekk ***diġà tkun saret konformità ma' xi wieħed mill-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu 'permezz tal-valutazzjoni*** tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew l-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2016/680, il-valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ***tikkomplementa*** dik il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data.	***"4. Jekk kwalunkwe obbligu minn dawk stipulati f'dan l-Artikolu diġà jkun ġie ssodisfat permezz ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data imwettqa skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew l-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2016/680, il-valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun rappreżentata minn dik il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data f'każ ta' dawn l-obbligi.";***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Att dwar l-IA jistipula li jekk l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 27 dwar il-valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali (FRIA) diġà ġew issodisfati permezz tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data (DPIA) imwettqa skont il-GDPR jew il-LED, il-FRAI għandha tikkomplementa d-DPIA. Madankollu, ma jispeċifikax kif għandha tiġi kkomplementata. Din l-emenda tintroduċi kjarifika li l-FRAI għandha tkun rappreżentata mid-DPIA f'każijiet tal-obbligi legali inkwistjoni.

Emenda 224
Lukas Mandl, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(9a) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
4. Jekk ***diġà tkun saret konformità ma' xi wieħed mill-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu 'permezz tal-valutazzjoni*** tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew l-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2016/680, il-valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ***tikkomplementa*** dik il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data.	***"4. Jekk kwalunkwe obbligu minn dawk stipulati f'dan l-Artikolu diġà jkun ġie ssodisfat permezz ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data imwettqa skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew l-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2016/680, il-valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun rappreżentata minn dik il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data f'każ ta' dawn l-obbligi.";***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Att dwar l-IA jistipula li jekk l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 27 dwar il-valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali (FRIA) diġà ġew issodisfati permezz tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data (DPIA) imwettqa skont il-GDPR jew il-LED, il-FRAI għandha tikkomplementa d-DPIA. Madankollu, ma jispeċifikax kif għandha tiġi kkomplementata. Din l-emenda tintroduċi kjarifika li l-FRAI għandha tkun rappreżentata mid-DPIA f'każijiet tal-obbligi legali inkwistjoni.

Emenda 225
Axel Voss

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9c (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(9c) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
4. Jekk ***diġà tkun saret konformità ma' xi wieħed mill-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu 'permezz tal-valutazzjoni*** tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew l-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2016/680, il-valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ***tikkomplementa*** dik il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data.	***"4.*** Jekk ***kwalunkwe obbligu minn dawk stipulati f'dan l-Artikolu diġà jkun ġie ssodisfat permezz ta' valutazzjoni*** tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data ***imwettqa*** skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew l-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2016/680, il-valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ***tkun rappreżentata minn*** dik il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data ***f'każ ta' dawn l-obbligi***.***";***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Att dwar l-IA jistipula li jekk l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 27 dwar il-valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali (FRIA) diġà ġew issodisfati permezz tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data (DPIA) imwettqa skont il-GDPR jew il-LED, il-FRAI għandha tikkomplementa d-DPIA. Madankollu, ma jispeċifikax kif għandha tiġi kkomplementata. Din l-emenda tintroduċi kjarifika li l-FRAI għandha tkun rappreżentata mid-DPIA f'każijiet tal-obbligi legali inkwistjoni.

Emenda 226
Svenja Hahn, Nikola Minchev, Cynthia Ní Mhurchú, Moritz Körner, Jan-Christoph Oetjen, Ana Vasconcelos, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 28 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) fl-Artikolu 28, jiżdied il-paragrafu 8 li ġej:	***imħassar***
"8. L-awtoritajiet tan-notifika ddeżinjati skont dan ir-Regolament	

responsabbli għas-sistemi tal-IA koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I għandhom jiġu stabbiliti, organizzati u mħaddma b'tali mod li jiżguraw li l-korp tal-valutazzjoni tal-konformità li japplika għad-dežinjazzjoni kemm skont dan ir-Regolament kif ukoll skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I għandu jingħata l-possibbiltà li jissottometti applikazzjoni unika u jgħaddi minn proċedura ta' valutazzjoni unika li għandha tiġi ddežinjata skont dan ir-Regolament u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I, fejn il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni tipprevedi tali applikazzjoni unika u proċedura ta' valutazzjoni unika.

L-applikazzjoni unika u l-proċedura tal-valutazzjoni unika msemmija f'dan il-paragrafu għandhom ikunu disponibbli wkoll għall-korpi notifikati diġà ddežinjati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I, meta dawk il-korpi notifikati japplikaw għal dežinjazzjoni skont dan ir-Regolament, diment li l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni tipprevedi proċedura bħal din.

L-applikazzjoni unika u l-proċedura tal-valutazzjoni unika għandha tevita kull duplikazzjoni mhux meħtieġa, tibni fuq il-proċeduri eżistenti għad-dežinjazzjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I, u tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti kemm relatati mal-korpi notifikati skont dan ir-Regolament kif ukoll mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa s-sistemi tal-IA industrijali, li diġà huma koperti mil-leġiżlazzjoni settorjali fl-ambitu tal-Qafas Leġiżlattiv Ġdid (it-Taqsima A tal-Anness I).

Emenda 227
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 28 – paragrafu 8 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-applikazzjoni unika u l-proċedura tal-valutazzjoni unika għandha tevita kull duplikazzjoni mhux meħtieġa, tibni fuq il-proċeduri eżistenti għad-dežinjazzjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I**,** u tiżgura l-konformità ***mar-rekwiżiti*** kemm relatati mal-korpi notifikati skont dan ir-Regolament kif ukoll mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni.**"**;	L-applikazzjoni unika u l-proċedura tal-valutazzjoni unika għandha tevita kull duplikazzjoni mhux meħtieġa, tibni fuq il-proċeduri eżistenti għad-dežinjazzjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I u tiżgura l-konformità kemm ***mar-rekwiżiti*** relatati mal-korpi notifikati skont dan ir-Regolament kif ukoll mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni. ***Ma għandhomx jintużaw proċeduri uniċi biex jinqabeż jew jiġi evitat kwalunkwe rekwiżit legali rilevanti skont l-atti legali rispettivi. Meta jiġu ppreżentati applikazzjoni unika u valutazzjoni unika, għandu jiġi żgurat li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha tal-leġiżlazzjoni dwar l-armonizzazzjoni u ta' dan ir-Regolament.***;

Or. en

Emenda 228
Svenja Hahn, Nikola Minchev, Cynthia Ní Mhurchú, Moritz Körner, Jan-Christoph Oetjen, Ana Vasconcelos, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11

Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 29 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-korpi notifikati ddeżinjati skont xi waħda mil-leġiżlazzjonijiet tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I u li japplikaw għall-valutazzjoni unika msemmija fl-Artikolu 28(8), għandhom jissottomettu l-applikazzjoni unika għall-valutazzjoni lill-awtorità tan-notifika ddeżinjata f'konformità ma' dik il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa s-sistemi tal-IA industrijali, li diġà huma koperti mil-leġiżlazzjoni settorjali fl-ambitu tal-Qafas Leġiżlattiv Ġdid (it-Taqsima A tal-Anness I).

Emenda 229
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 40 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(12a) fl-Artikolu 40, il-paragrafu 2, is-subparagrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, il-Kummissjoni għandha toħroġ, mingħajr dewmien żejjed, talbiet għall-istandardizzazzjoni li jkopru r-rekwiżiti kollha stipulati fit-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu u, kif applikabbli, talbiet għall-istandardizzazzjoni li jkopru l-obbligi stipulati fil-Kapitolu V, it-Taqsimiet 2 u 3 ta' dan ir-Regolament'. It-talba ta'	***"F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) (Nru) 1025/2012, il-Kummissjoni għandha toħroġ, mingħajr dewmien żejjed, talbiet għall-istandardizzazzjoni li jkopru r-rekwiżiti kollha stipulati fit-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu u, sat-2 ta' Lulju 2027, talbiet għall-istandardizzazzjoni li jkopru l-obbligi stipulati fil-Kapitolu V, it-Taqsimiet 2 u 3 ta' dan ir-Regolament. It-***

standardizzazzjoni għandha titlob ukoll strumenti għall-proċessi ta' rappurtar u ta' dokumentazzjoni biex tittejjeb il-prestazzjoni tar-riżorsi tas-sistemi tal-IA, bħat-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u ta' riżorsi oħra tas-sistema tal-IA b'riskju għoli matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħha, u dwar l-iżvilupp tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-mudelli tal-IA bi skop ġenerali. Meta tħejji talba ta' standardizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bord u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż il-forum konsultattiv.	***talba ta' standardizzazzjoni għandha titlob ukoll strumenti għall-proċessi ta' rappurtar u ta' dokumentazzjoni biex tittejjeb il-prestazzjoni tar-riżorsi tas-sistemi tal-IA, bħat-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u ta' riżorsi oħra tas-sistema tal-IA b'riskju għoli matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħha, u dwar l-iżvilupp effiċjenti fl-użu tal-enerġija tal-mudelli tal-IA bi skop ġenerali. Meta tħejji talba ta' standardizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bord u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż il-forum konsultattiv.";***

Or. en

Emenda 230
Piotr Müller, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) L-Artikolu 41 huwa mħassar.
	(Din l-emenda tapplika tul it-test kollu.)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-ritrattazzjoni tas-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta speċifikazzjonijiet komuni jevita l-ħolqien ta' perkors parallel ta' konformità li jaqbeż is-sistema stabbilita ta' standards armonizzati. Iż-żamma ta' qafas ta' standards uniku u prevedibbli tippreserva ċ-ċertezza legali u tipproteġi l-investiment pubbliku u privat fl-iżvilupp ta' standards tekniċi bbażati fuq il-konsensus.

Emenda 231
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12b (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 41 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(12b) fl-Artikolu 41, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:
Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għar-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu jew, kif applikabbli, għall-obbligi stipulati fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu V meta jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	***"1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sat-2 ta' Lulju 2027 li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għar-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu jew, kif applikabbli, għall-obbligi stipulati fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu V meta jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:";***

Or. en

Emenda 232
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12c (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 41 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12c) fl-Artikolu 41, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"1a. Meta ma jkun hemm l-ebda standard armonizzat li jippermetti l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stipulati fit-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu u l-ebda referenza fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ma tkun mistennija li se tiġi ppubblikata fi żmien raġonevoli, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni sabiex tindirizza thassib urġenti fir-rigward ta' sistemi tal-IA mhux konformi, li ma

jistgħux jiġu mmitigati b'mod adegwat b'miżuri alternattivi. Sitwazzjoni għandha titqies li tikkostitwixxi tħassib urġenti meta s-sospensjoni tal-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali tal-istandardizzazzjoni timpedixxi l-iżvilupp ta' standards armonizzati rilevanti mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni. F'sitwazzjoni tali, il-Kummissjoni għandha tadotta speċifikazzjonijiet komuni biss wara awtorizzazzjoni minn qabel tal-Kunsill. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 98(2). Meta tħejji dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn grupp ta' esperti li jinkludi rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati rilevanti.";

Or. en

Emenda 233
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12d (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 41 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12d) fl-Artikolu 41, jiddaħħal il-paragrafu 1b li ġej:
	"1b. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien adegwat, tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Parlament Ewropew. Din għandha tinkludi, b'mod partikolari, dettalji dwar il-proċess tal-abbozzar tal-att ta' implimentazzjoni, dettalji dwar il-kompożizzjoni tal-gruppi ta' esperti li jappoġġaw il-proċess, dettalji dwar l-

	iskeda ta' żmien u, meta l-abbozzar ta' att ta' implimentazzjoni jiġi esternalizzat, informazzjoni dwar l-aspetti kuntrattwali ewlenin ta' tali esternalizzazzjoni, inkluż isem l-entità responsabbli għall-abbozzar, il-valur totali tal-kuntratt u t-tul ta' żmien tiegħu.";

Or. en

Emenda 234
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12e (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 41 – paragrafu 6

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(12e) fl-Artikolu 41, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:
6. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 2 jew, kif applikabbli, li jikkonformaw mal-obbligi stipulati fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu V, għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar dan bi spjegazzjoni dettaljata. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni u, jekk ikun xieraq, temenda l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni kkonċernata.	***"6. Meta l-Parlament Ewropew jew Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 2 jew, kif applikabbli, ma tikkonformax mal-obbligi stipulati fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu V, għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar dan bi spjegazzjoni dettaljata. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni u, jekk ikun xieraq, temenda l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni kkonċernata.";***

Or. en

Emenda 235
Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)

Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 42 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) fl-Artikolu 42, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	“2a. Meta sistema tal-IA tkun soġġetta għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2024/2847 kif ukoll għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15, u meta dawk is-sistemi tal-IA b’riskju għoli jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali taċ-ċibersigurtà stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/2847, dawn għandhom jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà stabbiliti fl-Artikolu 15 sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti mid-dikjarazzjoni ta’ konformità tal-UE jew partijiet minnha maħruġa skont ir-Regolament (UE) 2024/2847. Sa ma r-Regolament (UE) 2024/2847 isir applikabbli, il-fornituri ta’ tali sistemi tal-IA ma għandhomx ikunu obbligati jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15.”;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li l-intenzjoni tal-abbozz ta’ rapport hija ta’ min ifaħħarha, ir-Regolament (UE) 2024/2847 se jkun applikabbli biss mill-11 ta’ Diċembru 2027, filwaqt li r-rekwiżiti introdotti mill-Artikolu 15 tal-Att dwar l-IA jistgħu jidħlu fis-seħħ qabel. Din l-emenda għandha l-għan li tevita perjodu interim fejn il-fornituri jkunu soġġetti għall-Artikolu 15, u b’hekk ikunu meħtieġa jgħaddu minn proċeduri ta’ konformità maż-żewġ regolamenti.

Emenda 236
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12f (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 42 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12f) fl-Artikolu 42, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"2a. Meta sistema tal-IA tkun soġġetta għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2024/2847 kif ukoll għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament, u meta dawk is-sistemi tal-IA b'riskju għoli jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali taċ-ċibersigurtà stipulati fir-Regolament (UE) 2024/2847, dawn għandhom jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà stipulati fl-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti mid-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE jew partijiet minnha maħruġa skont ir-Regolament (UE) 2024/2847.";

Or. en

Emenda 237
Virginie Joron, Jaroslav Bžoch, Ernő Schaller-Baross, Pál Szekeres, Klara Dostalova, Jorge Martín Frías, Elisabeth Dieringer, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Pascale Piera

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 42 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) fl-Artikolu 42, jiddaħħal il-paragrafu 3 li ġej:
	"2a. Meta sistema tal-IA tikkonforma mar-Regolament (UE) 2024/2847, tali konformità għandha titqies suffiċjenti biex turi l-konformità mar-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà stipulati fl-Artikolu 15, sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti mid-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE maħruġa skont dak ir-Regolament.";

Emenda 238
Svenja Hahn, Nikola Minchev, Cynthia Ní Mhurchú, Moritz Körner, Jan-Christoph Oetjen, Ana Vasconcelos, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 43 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) fl-Artikolu 43, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"Għas-sistemi tal-IA b'riskju għoli koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I, il-fornitur tas-sistema għandu jimxi mal-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità rilevanti kif meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni rilevanti. Ir-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għal dawk is-sistemi tal-IA b'riskju għoli u għandhom ikunu parti minn dik il-valutazzjoni. Għandha tapplika wkoll il-valutazzjoni tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità stipulata fl-Artikolu 17 u fl-Anness VII.	
Għall-finijiet ta' dik il-valutazzjoni tal-konformità, il-korpi notifikati li jkunu ġew notifikati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I għandu jkollhom is-setgħa li jivvalutaw il-konformità tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli mar-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 2, diment li l-konformità ta' dawk il-korpi notifikati mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 31(4), (5), (10) u (11) ikunu ġew ivvalutati fil-kuntest tal-proċedura tan-notifika skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 28, tali korpi	

notifikati li jkunu ġew notifikati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni fit-Taqsima A tal-Anness I, għandhom japplikaw għad-dežinjazzjoni f'konformità mat-Taqsima 4 mhux aktar tard minn [18-il xahar minn meta jibda japplika dan ir-Regolament].

Meta leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I tkun tipprovdi l-alternattiva lill-manifattur tal-prodott li ma jiħux sehem f'valutazzjoni tal-konformità ta' parti terza, diment li dak il-manifattur ikun applika l-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti rilevanti kollha, dak il-manifattur jista' juża dik l-alternattiva biss jekk ikun applika wkoll standards armonizzati jew, meta applikabbli, l-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 41, li jkopru r-rekwiżiti kollha stipulati fit-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu.

Meta sistema tal-IA b'riskju għoli tkun koperta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I u tkun ukoll taqa' f'xi waħda mill-kategoriji elenkati fl-Anness III, il-fornitur tas-sistema għandu jimxi mal-proċedura rilevanti tal-valutazzjoni tal-konformità kif meħtieġ skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa s-sistemi tal-IA industrijali, li diġà huma koperti mil-leġiżlazzjoni settorjali fl-ambitu tal-Qafas Leġiżlattiv Ġdid (it-Taqsima A tal-Anness I).

Emenda 239
Christian Doleschal

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13

Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 43 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“Għas-sistemi tal-IA b’riskju għoli koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I, il-fornitur tas-sistema għandu jimxi mal-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità rilevanti kif meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni rilevanti. Ir-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 2 ta’ dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għal dawk is-sistemi tal-IA b’riskju għoli u għandhom ikunu parti minn dik il-valutazzjoni. Għandha tapplika wkoll il-valutazzjoni tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità stipulata fl-Artikolu 17 u fl-Anness VII.	***imħassar***

Or. en

Emenda 240
Piotr Müller, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 43 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“Għas-sistemi tal-IA b’riskju għoli koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I, il-fornitur tas-sistema għandu jimxi mal-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità rilevanti kif meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni rilevanti. Ir-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 2 ta’ dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għal dawk is-sistemi tal-IA b’riskju għoli u għandhom ikunu parti minn dik il-valutazzjoni. Għandha tapplika wkoll il-	***imħassar***

valutazzjoni tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità stipulata fl-Artikolu 17 u fl-Anness VII.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-verżjoni oriġinali tal-Artikolu 43 tipprovdi salvagwardji proċedurali suffiċjenti u ma tintroduċix pożijiet ġodda, b'kuntrast mal-proposta aġġornata tal-Kummissjoni.

Emenda 241
Sandro Gozi, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) fl-Artikolu 49, jitħassar il-paragrafu 2;	***imħassar***

Or. en

Emenda 242
Jaroslav Bžoch, Klara Dostalova

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) fl-Artikolu 49, jitħassar il-paragrafu 2;	***imħassar***

Or. en

Emenda 243
Leila Chaibi, Pernando Barrena Arza

f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) fl-Artikolu 49, jitħassar il-paragrafu 2;	***imħassar***

Or. en

Emenda 244
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) fl-Artikolu 49, jitħassar il-paragrafu 2;	***imħassar***

Or. en

Emenda 245
Michael McNamara, Sandro Gozi, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Fabienne Keller, Laurence Farreng

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) fl-Artikolu 49, jitħassar il-paragrafu 2;	***imħassar***

Or. en

Emenda 246
Brando Benifei, Kristian Vigenin, Christel Schaldemose, Pierre Jouvet, Marc Angel, Francisco Assis, Alex Agius Saliba, José Cepeda, Elena Sancho Murillo, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Hannes Heide

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) fl-Artikolu 49, jitħassar il-paragrafu 2;	***imħassar***

Or. en

Emenda 247
Marion Walsmann, Hildegard Bentele, Christine Schneider, Stefan Köhler, Sven Simon, Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) fl-Artikolu 49, jitħassar il-paragrafu 2;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żamma tar-reġistrazzjoni għal sistemi tal-Anness III li mhumiex b'riskju għoli tiżgura s-sorveljanza u tipprovdi lill-awtoritajiet b'data komparabbli. Dan jgħin biex tingħata prijorità lis-sorveljanza tas-suq u jiġu identifikati każijiet ta' użu emerġenti. Peress li l-fornituri xorta waħda jeħtiġilhom jivvalutaw ir-riskju biex jitolbu l-eżenzjonijiet, il-piż amministrattiv miżjud huwa limitat u proporzjonat, filwaqt li t-trasparenza u l-benefiċċji superviżorji jibqgħu sinifikanti.

Emenda 248
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) fl-Artikolu 49, jitħassar il-paragrafu 2;	***imħassar***

Or. en

Emenda 249
Christel Schaldemose

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) fl-Artikolu 49, ***jitħassar*** il-paragrafu 2***;***	(14) fl-Artikolu 49, il-paragrafu 2 ***huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	"2. Qabel l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz ta' sistema tal-IA li għaliha l-fornitur ikun ikkonkluda li mhijiex b'riskju għoli skont l-Artikolu 6(3), dak il-fornitur jew, meta applikabbli, ir-rappreżentant awtorizzat għandu jirreġistra lilu nnifsu u dik is-sistema fil-bażi tad-data tal-UE msemmija fl-Artikolu 71.";

Or. en

Emenda 250
Jaroslav Bžoch, Klara Dostalova

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)

Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 49 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) fl-Artikolu 49, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"5a. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biss għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni msemmija fit-Taqsima B, il-punt 5, tal-Anness VIII.";

Or. en

Emenda 251
Marion Walsmann, Hildegard Bentele, Christine Schneider, Stefan Köhler, Sven Simon, Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 50 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) fl-Artikolu 50, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"7. L-Uffiċċju għall-IA għandu jħeġġeġ u jiffaċilita t-tfassil ta' kodiċijiet ta' prattika fil-livell tal-Unjoni biex jiffaċilita l-implimentazzjoni effettiva tal-obbligi rigward is-sejbien, l-immarkar u t-tikkettar tal-kontenut iġġenerat jew manipulat b'mod artifiċjali. Il-Kummissjoni tista' tivvaluta jekk l-osservanza ta' dawk il-kodiċijiet ta' prattika hix adegwata biex tiżgura l-konformità mal-obbligu stabbilit fil-paragrafu 2, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 56(6), l-ewwel subparagrafu. Jekk ikun jidhrilha li l-kodiċi ma jkunx adegwat, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika regoli komuni għall-implimentazzjoni ta' dawk l-obbligi	

f'konformità mal-proċedura ta' eżami stipulata fl-Artikolu 98(2).";

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-atti ta' implimentazzjoni huma vitali għas-Suq Uniku, u jsarrfu d-dmirijiet f'rekwiżiti uniformi biex jiġu evitati approċċi nazzjonali diverġenti. It-tneħħija tagħhom titfa' l-piż fuq interpretazzjonijiet ad hoc, u żżid l-inċertezza u l-kostijiet għall-operaturi tal-IA. L-użu ta' dawn l-atti jiżgura input strutturat mingħand l-Istati Membri permezz tal-komitoloġija, filwaqt li jtejjeb il-prattiċità. Iż-żamma ta' tali għodod tappoġġa l-kompetittività u s-simplifikazzjoni billi tevita l-frammentazzjoni u tiżgura konformità prevedibbli u proporzjonata.

Emenda 252
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 50 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) fl-Artikolu 50, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"7. L-Uffiċċju għall-IA għandu jħeġġeġ u jiffaċilita t-tfassil ta' kodiċijiet ta' prattika fil-livell tal-Unjoni biex jiffaċilita l-implimentazzjoni effettiva tal-obbligi rigward is-sejbien, l-immarkar u t-tikkettar tal-kontenut iġġenerat jew manipulat b'mod artifiċjali. Il-Kummissjoni tista' tivvaluta jekk l-osservanza ta' dawk il-kodiċijiet ta' prattika hix adegwata biex tiżgura l-konformità mal-obbligu stabbilit fil-paragrafu 2, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 56(6), l-ewwel subparagrafu. Jekk ikun jidhrilha li l-kodiċi ma jkunx adegwat, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika regoli komuni għall-implimentazzjoni ta' dawk l-obbligi f'konformità mal-proċedura ta' eżami	

stipulata fl-Artikolu 98(2).";

Or. en

Emenda 253
Adnan Dibrani, Evin Incir, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – parti introduttorja
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 50 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) fl-Artikolu 50, il-paragrafu 7 ***huwa sostitwit*** b'dan li ġej:	(15) fl-Artikolu 50, ***jiddaħħal*** il-paragrafu ***6a ġdid li ġej u t-titolu u l-paragrafu*** 7 ***huma sostitwiti*** b'dan li ġej: ***"Artikolu 50*** ***Obbligi għall-fornituri u għall-implimentaturi ta' ċerti sistemi tal-IA*** ***6a. Il-fornituri tas-sistemi tal-IA, inklużi s-sistemi tal-IA bi skop ġenerali, li jiġġeneraw jew jimmanipulaw kontenut ta' immaġni, awdjo jew vidjo għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi effettivi biex jevitaw il-ġenerazzjoni ta' deepfakes, li jixbhu lil persuni eżistenti u li għal persuna jkun jidher b'mod falz li huwa awtentiku jew veritier, mingħajr il-kunsens tal-persuna fiżika eżistenti; għajr meta l-kontenut ikun jifforma parti minn xogħol jew programm artistiku, kreattiv, satiriku, fittizju jew analogu; kif ukoll deepfakes li jirrappreżentaw nuditàmhux kunsenswali jew imġiba sesswalment espliċita; u ta' outputs li jirrappreżentaw jew jipprovdu gwida operazzjonali, ippjanar, struzzjoni jew assistenza għat-twettiq ta' reati kriminali serji kontra l-ħajja jew l-integrità fiżika, inklużi omiċidju, terroriżmu jew reati oħra punibbli fl-Istat Membru kkonċernat b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas erba'**

snin.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' din l-emenda huwa li żżid id-disseminazzjoni mhux kunsenswali ta' deepfakes immanipulati u ġġenerati mill-IA, li jisfruttaw l-identità, il-vuċi jew il-wiċċ ta' individwi, mal-lista ta' prattiki pprojbiti skont l-Att dwar l-IA. L-isfruttament tal-identità ta' persuna, mingħajr il-kunsens tagħha, biex jinħoloq u jinxtered kontenut li jirrappreżenta b'mod falz lill-individwu inkwistjoni bl-użu tal-IA, għandu jitqies bħala forma ta' serq tal-identità, u l-individwi għandhom jiġu ssalvagwardjati kontra tali prattiki malizzjużi online.

Emenda 254
Brando Benifei, Kristian Vigenin, Christel Schaldemose, Pierre Jouvet, Marina Kaljurand, Marc Angel, Francisco Assis, Alex Agius Saliba, José Cepeda, Elena Sancho Murillo, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Hannes Heide

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – parti introduttorja
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 50 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) fl-Artikolu 50, il-paragrafu 7 ***huwa sostitwit*** b'dan li ġej:	(15) fl-Artikolu 50, ***jiddaħħal*** il-paragrafu ***6a li ġej u t-titolu u l-paragrafu*** 7 ***huma sostitwiti*** b'dan li ġej: ***"Artikolu 50*** ***Obbligi għall-fornituri u għall-implimentaturi ta' ċerti sistemi tal-IA*** ***6a. Il-fornituri ta' sistemi tal-IA, inklużi sistemi tal-IA bi skop ġenerali, li jiġġeneraw jew jimmanipulaw kontenut ta' immaġni, awdjo jew vidjo għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi effettivi biex jipprevjenu l-ġenerazzjoni ta' deepfakes li juru nudità mhux kunsenswali jew imġiba sesswalment espliċita; u ta' outputs li jirrappreżentaw jew jipprovdu gwida operazzjonali, ippjanar, struzzjoni jew assistenza għat-twettiq ta' reati kriminali serji kontra l-ħajja jew l-integrità fiżika, inklużi omiċidju, terroriżmu jew reati oħra punibbli fl-Istat Membru kkonċernat***

b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas erba' snin.";

Or. en

Emenda 255
Piotr Müller, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 50 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. ***L-Uffiċċju għall-IA għandu jħeġġeġ*** u ***jiffaċilita*** t-tfassil ta' kodiċijiet ta' prattika fil-livell tal-Unjoni biex ***jiffaċilita*** l-implimentazzjoni effettiva tal-obbligi rigward ***is-sejbien***, l-immarkar u t-tikkettar tal-kontenut iġġenerat jew ***manipulat*** b'mod artifiċjali. Il-Kummissjoni tista' tivvaluta jekk ***l-osservanza ta'*** dawk il-kodiċijiet ta' prattika ***hix*** adegwata biex tiżgura l-konformità mal-obbligu ***stabbilit*** fil-paragrafu 2, f'konformità mal-proċedura ***stabbilita*** fl-Artikolu 56(6), l-ewwel subparagrafu. ***Jekk ikun jidhrilha li l-kodiċi ma jkunx adegwat, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika regoli komuni għall-implimentazzjoni ta' dawk l-obbligi f'konformità mal-proċedura ta' eżami stipulata fl-Artikolu 98(2).***";	7. ***Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ*** u ***tiffaċilita*** t-tfassil ta' kodiċijiet ta' prattika fil-livell tal-Unjoni biex ***tiffaċilita*** l-implimentazzjoni effettiva tal-obbligi rigward ***id-detezzjoni***, l-immarkar u t-tikkettar tal-kontenut iġġenerat jew ***immanipulat*** b'mod artifiċjali. Il-Kummissjoni tista' tivvaluta jekk ***l-aderenza ma'*** dawk il-kodiċijiet ta' prattika ***hijiex*** adegwata biex tiżgura l-konformità mal-obbligu ***stipulat*** fil-paragrafu 2, f'konformità mal-proċedura ***stipulata*** fl-Artikolu 56(6), l-ewwel subparagrafu.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-konformità mal-Artikolu 50 għandha tiġi stabbilita jew abbażi ta' standards volontarji inkella permezz ta' metodi individwali deċiżi mill-partijiet ikkonċernati. L-użu ta' speċifikazzjonijiet komuni jew regoli komuni jirriskja li jimmina l-iskop tal-qafas volontarju u jikkompromett l-isforz konġunt. Barra minn hekk, il-liġi għandha tiġi applikata kif adottata u l-mekkaniżmu propost joħloq opportunità bla bżonn għal gold-plating tar-regoli.

Emenda 256
Brando Benifei, Kristian Vigenin, Christel Schaldemose, Pierre Jouvet, Marc Angel, Francisco Assis, Alex Agius Saliba, José Cepeda, Elena Sancho Murillo, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Hannes Heide

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 50 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Uffiċċju għall-IA għandu jħeġġeġ u jiffaċilita t-tfassil ta' kodiċijiet ta' prattika fil-livell tal-Unjoni biex jiffaċilita l-implimentazzjoni effettiva tal-obbligi rigward ***is-sejbien***, l-immarkar u t-tikkettar tal-kontenut iġġenerat jew ***manipulat*** b'mod artifiċjali. Il-Kummissjoni tista' tivvaluta jekk ***l-osservanza ta'*** dawk il-kodiċijiet ta' prattika ***hix*** adegwata biex tiżgura l-konformità mal-obbligu ***stabbilit*** fil-paragrafu 2, f'konformità mal-proċedura ***stabbilita*** fl-Artikolu 56(6), l-ewwel subparagrafu. Jekk ikun jidhrilha li l-kodiċi ***ma jkunx*** adegwat, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika regoli komuni għall-implimentazzjoni ta' dawk l-obbligi f'konformità mal-proċedura ta' eżami stipulata fl-Artikolu 98(2).”;	7. L-Uffiċċju għall-IA għandu jħeġġeġ u jiffaċilita t-tfassil ta' kodiċijiet ta' prattika fil-livell tal-Unjoni biex jiffaċilita l-implimentazzjoni effettiva tal-obbligi rigward ***id-detezzjoni***, l-immarkar u t-tikkettar tal-kontenut iġġenerat jew ***immanipulat*** b'mod artifiċjali. Il-Kummissjoni***, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti u mal-korpi tal-UE rilevanti,*** tista' tivvaluta jekk ***l-aderenza ma'*** dawk il-kodiċijiet ta' prattika ***hijiex*** adegwata biex tiżgura l-konformità mal-obbligu ***stipulat*** fil-paragrafu 2, f'konformità mal-proċedura ***stipulata*** fl-Artikolu 56(6), l-ewwel subparagrafu. Jekk ***il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u mal-korpi tal-Unjoni rilevanti kollha,*** ikun jidhrilha li l-kodiċi ***mhuwiex*** adegwat, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika regoli komuni għall-implimentazzjoni ta' dawk l-obbligi f'konformità mal-proċedura ta' eżami stipulata fl-Artikolu 98(2).”;

Or. en

Emenda 257
Virginie Joron, Elisabeth Dieringer, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Pascale Piera

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15

Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 50 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Uffiċċju għall-IA għandu jħeġġeġ u jiffaċilita t-tfassil ta' kodiċijiet ta' prattika fil-livell tal-Unjoni biex jiffaċilita l-implimentazzjoni effettiva tal-obbligi rigward ***is-sejbien***, l-immarkar u t-tikkettar tal-kontenut iġġenerat jew ***manipulat*** b'mod artifiċjali. ***Il-Kummissjoni tista' tivvaluta*** jekk ***l-osservanza ta'*** dawk il-kodiċijiet ta' prattika ***hix*** adegwata biex tiżgura l-konformità mal-obbligu ***stabbilit*** fil-paragrafu 2, f'konformità mal-proċedura ***stabbilita*** fl-Artikolu 56(6), l-ewwel subparagrafu. Jekk ikun jidhrilha li l-kodiċi ***ma jkunx*** adegwat, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika regoli komuni għall-implimentazzjoni ta' dawk l-obbligi f'konformità mal-proċedura ta' eżami stipulata fl-Artikolu 98(2).***"***;	7. L-Uffiċċju għall-IA***,*** ***f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Bord,*** għandu jħeġġeġ u jiffaċilita t-tfassil ta' kodiċijiet ta' prattika fil-livell tal-Unjoni biex jiffaċilita l-implimentazzjoni effettiva tal-obbligi rigward ***id-detezzjoni***, l-immarkar u t-tikkettar tal-kontenut iġġenerat jew ***immanipulat*** b'mod artifiċjali. ***Il-Bord jista' jivvaluta*** jekk ***l-aderenza ma'*** dawk il-kodiċijiet ta' prattika ***hijiex*** adegwata biex tiżgura l-konformità mal-obbligu ***stipulat*** fil-paragrafu 2, f'konformità mal-proċedura ***stipulata*** fl-Artikolu 56(6), l-ewwel subparagrafu. Jekk ikun jidhrilha li l-kodiċi ***mhuwiex*** adegwat, il-Kummissjoni tista'***, wara li tikkonsulta lill-Bord u tingħata l-approvazzjoni tiegħu,*** tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika regoli komuni għall-implimentazzjoni ta' dawk l-obbligi f'konformità mal-proċedura ta' eżami stipulata fl-Artikolu 98(2).;

Or. en

Emenda 258
Jaroslav Bžoch, Klara Dostalova

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 50 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Uffiċċju għall-IA għandu jħeġġeġ u jiffaċilita t-tfassil ta' kodiċijiet ta' prattika fil-livell tal-Unjoni biex jiffaċilita l-implimentazzjoni effettiva tal-obbligi rigward ***is-sejbien***, l-immarkar u t-tikkettar tal-kontenut iġġenerat jew ***manipulat*** b'mod artifiċjali. Il-	7. L-Uffiċċju għall-IA għandu jħeġġeġ u jiffaċilita t-tfassil ta' kodiċijiet ta' prattika fil-livell tal-Unjoni biex jiffaċilita l-implimentazzjoni effettiva tal-obbligi rigward ***id-detezzjoni***, l-immarkar u t-tikkettar tal-kontenut iġġenerat jew ***immanipulat*** b'mod artifiċjali. Il-

Kummissjoni ***tista' tivvaluta*** jekk ***l-osservanza ta'*** dawk il-kodiċijiet ta' prattika ***hix*** adegwata biex tiżgura l-konformità mal-obbligu stabbilit fil-paragrafu 2, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 56(6), l-ewwel subparagrafu. Jekk ikun jidhrilha li l-kodiċi ***ma jkunx*** adegwat, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika regoli komuni għall-implimentazzjoni ta' dawk l-obbligi f'konformità mal-proċedura ta' eżami stipulata fl-Artikolu 98(2).”;	Kummissjoni ***u l-Bord jistgħu jivvalutaw*** jekk ***l-aderenza ma'*** dawk il-kodiċijiet ta' prattika ***hijiex*** adegwata biex tiżgura l-konformità mal-obbligu stabbilit fil-paragrafu 2 ***ta' dan l-Artikolu***, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 56(6), l-ewwel subparagrafu. Jekk ikun jidhrilha li l-kodiċi ***mhuwiex*** adegwat, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika regoli komuni għall-implimentazzjoni ta' dawk l-obbligi f'konformità mal-proċedura ta' eżami stipulata fl-Artikolu 98(2).”;

Or. en

Emenda 259
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 50 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Uffiċċju għall-IA għandu jħeġġeġ u jiffaċilita t-tfassil ta' kodiċijiet ta' prattika fil-livell tal-Unjoni biex jiffaċilita l-implimentazzjoni effettiva tal-obbligi rigward ***is-sejbien***, l-immarkar u t-tikkettar tal-kontenut iġġenerat jew ***manipulat*** b'mod artifiċjali. Il-Kummissjoni ***tista'*** tivvaluta jekk ***l-osservanza ta'*** dawk il-kodiċijiet ta' prattika ***hix*** adegwata biex tiżgura l-konformità mal-obbligu stabbilit fil-paragrafu 2, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 56(6), l-ewwel subparagrafu. Jekk ikun jidhrilha li l-kodiċi ***ma jkunx*** adegwat, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika regoli komuni għall-implimentazzjoni ta' dawk l-obbligi f'konformità mal-proċedura ta' eżami stipulata fl-Artikolu 98(2).;	7. L-Uffiċċju għall-IA għandu jħeġġeġ u jiffaċilita t-tfassil ta' kodiċijiet ta' prattika fil-livell tal-Unjoni biex jiffaċilita l-implimentazzjoni effettiva tal-obbligi rigward ***id-detezzjoni***, l-immarkar u t-tikkettar tal-kontenut iġġenerat jew ***immanipulat*** b'mod artifiċjali. Il-Kummissjoni ***għandha*** tivvaluta jekk ***l-aderenza ma'*** dawk il-kodiċijiet ta' prattika ***hijiex*** adegwata biex tiżgura l-konformità mal-obbligu stabbilit fil-paragrafu 2, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 56(6), l-ewwel subparagrafu. Jekk ikun jidhrilha li l-kodiċi ***mhuwiex*** adegwat, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika regoli komuni għall-implimentazzjoni ta' dawk l-obbligi f'konformità mal-proċedura ta' eżami stipulata fl-Artikolu 98(2).;

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li żżid iċ-ċarezza legali u ġġib it-test f'konformità aħjar mal-bidliet proposti fl-Artikolu 56(6). Il-Kummissjoni hija meħtieġa tivvaluta l-adegwatezza tal-kodiċijiet ta' prattika, sabiex tiżgura li l-partijiet ikkonċernati jiksbu gwida massima.

Emenda 260
Piotr Müller, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 50 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
Il-fornituri tas-sistemi tal-IA, ***inkluż is-sistemi*** tal-IA bi skop ġenerali, li jiġġeneraw kontenut ta' awdjo, immaġni***,*** vidjo ***jew test sintetiku***, għandhom ***jiżguraw li*** l-outputs tas-sistema tal-IA jiġu mmarkati f'format li jinqara mill-magni u jiġu identifikati bħala ġġenerati jew manipulati b'mod artifiċjali. Il-fornituri għandhom jiżguraw li s-soluzzjonijiet tekniċi tagħhom ikunu effettivi, interoperabbli, robusti u affidabbli sa fejn dan ikun teknikament fattibbli, filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-limitazzjonijiet ta' tipi diversi ta' kontenut, il-kostijiet tal-implimentazzjoni u l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku rikonoxxut b'mod ġenerali, kif jista' jkun rifless fl-istandards tekniċi rilevanti. Dan l-obbligu ma għandux japplika sakemm is-sistemi tal-IA jwettqu funzjoni ta' assistenza għall-editjar tal-istandards jew ma jbiddlux b'mod sostanzjali d-data tal-input ipprovduta mill-implimentatur jew is-semantika tagħha, jew meta awtorizzati bil-liġi biex iwettqu ***l-kxif***, il-prevenzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali.	***(14a) "l-Artikolu 50***, ***il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan*** li ***ġej:***
	"2. Il-fornituri tas-sistemi tal-IA, ***inklużi s-sistemi*** tal-IA bi skop ġenerali, li jiġġeneraw kontenut ta' awdjo, immaġni

jew vidjo, għandhom ***jieħdu miżuri sabiex*** l-outputs tas-sistema tal-IA jiġu mmarkati f'format li jinqara mill-magni u jiġu identifikati bħala ġġenerati jew immanipulati b'mod artifiċjali. Il-forniturigħandhom jiżguraw li s-soluzzjonijiet tekniċi tagħhom ikunu effettivi, interoperabbli, robusti u affidabbli sa fejn dan ikun teknikament fattibbli, filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-limitazzjonijiet ta' tipi diversi ta' kontenut, il-kostijiet tal-implimentazzjoni u l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku rikonoxxut b'mod ġenerali, kif jista' jkun rifless fl-istandards tekniċi rilevanti. Dan l-obbligu ***ta' watermarking għandu jiġi applikat b'mod proporzjonat marbut mar-riskju identifikat u b'mod li ma jimpedix, ma jfixkilx jew ma jalterax mod ieħor il-wiri, l-isfruttament kummerċjali legali jew il-pubblikazzjoni tax-xogħol, u lanqas ma jinterferixxi mal-użu normali tiegħu, u*** ma għandux japplika sakemm is-sistemi tal-IA jwettqu funzjoni ta' assistenza għall-editjar tal-istandards jew ma jbiddlux b'mod sostanzjali d-data tal-input ipprovduta mill-implimentatur jew is-semantika tagħha, jew meta awtorizzati bil-liġi biex iwettqu ***d-detezzjoni***, il-prevenzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali.***";***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjoni dwar il-watermarking hija emendata biex jitneħħa l-obbligu b'rabta mat-test, peress li tali mmarkar huwa diffiċli li jiġi ġġustifikat f'termini prattiċi u jipprovdi valur miżjud limitat fl-użu fid-dinja reali. Filwaqt li l-watermarking tal-kontenut tal-awdjo, tal-immaġni u tal-vidjo jista' jkun ta' benefiċċju għall-pubbliku ġenerali, l-implimentazzjoni tiegħu ma għandhiex timmina l-opportunitajiet leġittimi offruti mill-għodod tal-IA biex javvanzaw ix-xogħol kreattiv, professjonali jew kummerċjali. Għalhekk, il-formulazzjoni riveduta tintroduċi rekwiżit ta' proporzjonalità bbażat fuq il-paragrafu 4.

Emenda 261
Marion Walsmann, Hildegard Bentele, Christine Schneider, Stefan Köhler, Sven Simon, Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 56 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) fl-Artikolu 56(6), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"6. Il-Kummissjoni u l-Bord għandhom jimmonitorjaw u jevalwaw regolarment il-kisba tal-objettivi tal-kodiċijiet ta' prattika mill-parteċipanti u l-kontribut tagħhom għall-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis bl-akbar attenzjoni l-opinjoni tal-Bord, għandha tivvaluta jekk il-kodiċijiet ta' prattika jkoprux l-obbligi previsti fl-Artikoli 53 u 55, u għandha timmonitorja u tevalwa regolarment il-kisba tal-objettivi tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-valutazzjoni tagħha tal-adegwatezza tal-kodiċijiet ta' prattika.";	

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-atti ta' implimentazzjoni jsarrfu d-dmirijiet legali f'rekwiżiti uniformi, u b'hekk inaqqsu l-approċċi nazzjonali diverġenti. It-tneħħija tagħhom iżżid l-inċertezza legali u l-kostijiet tal-konformità permezz ta' interpretazzjonijiet ad hoc. Din ir-rotta tiżgura input strutturat tal-Istati Membri, filwaqt li tagħti prijorità lit-titjib tal-prattiċità fuq il-gwida informali. Iż-żamma ta' dawn l-għodod tappoġġa l-kompetittività u s-simplifikazzjoni billi tevita l-frammentazzjoni, tippermetti konformità prevedibbli minflok "27 mod" biex jiġi ssodisfat l-istess obbligu tal-Att dwar l-IA.

Emenda 262
Virginie Joron, Elisabeth Dieringer, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Pascale Piera

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) fl-Artikolu 56***(6)***, ***l-ewwel subparagrafu*** huwa sostitwit b'dan li ġej:	(16) fl-Artikolu 56, ***il-paragrafu 6*** huwa sostitwit b'dan li ġej:

Or. en

Emenda 263
Brando Benifei, Kristian Vigenin, Christel Schaldemose, Pierre Jouvet, Marc Angel, Francisco Assis, Alex Agius Saliba, José Cepeda, Elena Sancho Murillo, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Hannes Heide

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 56 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni u l-Bord għandhom jimmonitorjaw u jevalwaw regolarment il-kisba tal-objettivi tal-kodiċijiet ta' prattika mill-parteċipanti u l-kontribut tagħhom għall-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis bl-akbar attenzjoni l-opinjoni tal-Bord, għandha tivvaluta jekk il-kodiċijiet ta' prattika jkoprux l-obbligi previsti fl-Artikoli 53 u 55, u għandha timmonitorja u tevalwa regolarment il-kisba tal-objettivi tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-valutazzjoni tagħha tal-adegwatezza tal-kodiċijiet ta' prattika.;	6. Il-Kummissjoni u l-Bord għandhom jimmonitorjaw u jevalwaw regolarment il-kisba tal-objettivi tal-kodiċijiet ta' prattika mill-parteċipanti u l-kontribut tagħhom għall-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis bl-akbar attenzjoni l-opinjoni tal-Bord ***u ta' awtoritajiet kompetenti korpi tal-Unjoni rilevanti oħra***, għandha tivvaluta jekk il-kodiċijiet ta' prattika jkoprux l-obbligi previsti fl-Artikoli 53 u 55, u għandha timmonitorja u tevalwa regolarment il-kisba tal-objettivi tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-valutazzjoni tagħha tal-adegwatezza tal-kodiċijiet ta' prattika.;

Or. en

Emenda 264
Virginie Joron, Elisabeth Dieringer, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Pascale Piera

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16

Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 56 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Il-Kummissjoni u l-Bord għandhom jimmonitorjaw*** u ***jevalwaw*** regolarment il-kisba tal-objettivi tal-kodiċijiet ta' prattika mill-parteċipanti u l-kontribut tagħhom għall-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni, filwaqt li tqis bl-akbar attenzjoni l-opinjoni tal-Bord, għandha tivvaluta*** jekk il-kodiċijiet ta' prattika jkoprux l-obbligi previsti fl-Artikoli 53 u 55, u ***għandha timmonitorja*** u ***tevalwa*** regolarment il-kisba tal-objettivi tagħhom. ***Il-Kummissjoni għandha tippubblika*** l-valutazzjoni ***tagħha*** tal-adegwatezza tal-kodiċijiet ta' prattika.;	6. ***Il-Bord għandu jimmonitorja*** u ***jevalwa*** regolarment il-kisba tal-objettivi tal-kodiċijiet ta' prattika mill-parteċipanti u l-kontribut tagħhom għall-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament. ***Il-Bord għandu jivvaluta*** jekk il-kodiċijiet ta' prattika jkoprux l-obbligi previsti fl-Artikoli 53 u 55, u ***għandhom jimmonitorjaw*** u ***jevalwaw*** regolarment il-kisba tal-objettivi tagħhom. ***Il-Bord għandu jippubblika*** l-valutazzjoni ***tiegħu*** tal-adegwatezza tal-kodiċijiet ta' prattika.;

Or. en

Emenda 265
Kristian Vigenin, Brando Benifei, Hannes Heide, Francisco Assis, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Christel Schaldemose, Pierre Jouvet, Marc Angel, Alex Agius Saliba, José Cepeda, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt a
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 57 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Uffiċċju għall-IA jista' jistabbilixxi wkoll ***ambjenti tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA fil-livell tal-Unjoni għas-sistemi tal-IA koperti mill-Artikolu 75(1). ***Dawn l-ambjenti tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA ***għandhom jiġu implimentati*** b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, b'mod partikolari meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni apparti dan ir-Regolament tkun sorveljata fl-ambjent ***tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA,	L-Uffiċċju għall-IA jista' jistabbilixxi wkoll ***ambjent ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA fil-livell tal-Unjoni għas-sistemi tal-IA koperti mill-Artikolu 75(1). ***Tali ambjent ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA ***għandu jiġi implimentat*** b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, b'mod partikolari meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni apparti dan ir-Regolament tkun sorveljata fl-ambjent ***ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA, u ***għandu jipprovdi***

u ***għandhom jipprovdu*** aċċess prijoritarju għall-SMEs.;	aċċess prijoritarju għall-SMEs***. L-Uffiċċju għall-IA għandu jiżgura li, sa fejn is-sistemi innovattivi tal-IA jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali jew inkella jaqgħu fil-mandat superviżorju ta' awtoritajiet nazzjonali jew awtoritajiet kompetenti oħra li jipprovdu jew jappoġġaw l-aċċess għad-data, l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u dawk l-awtoritajiet nazzjonali jew kompetenti l-oħra jkunu assoċjati mat-tħaddim tal-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għall-IA u involuti fis-superviżjoni ta' dawk l-aspetti sal-limitu tal-kompiti u tas-setgħat rispettivi tagħhom***.;

Or. en

Emenda 266
Leila Chaibi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt a
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 57 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Uffiċċju għall-IA jista' jistabbilixxi wkoll ***ambjenti tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA fil-livell tal-Unjoni għas-sistemi tal-IA koperti mill-Artikolu 75(1). ***Dawn l-ambjenti tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA ***għandhom jiġu implimentati*** b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, b'mod partikolari meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni apparti dan ir-Regolament tkun sorveljata fl-ambjent ***tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA, u ***għandhom jipprovdu*** aċċess prijoritarju għall-SMEs.;	L-Uffiċċju għall-IA jista' jistabbilixxi wkoll ***ambjent ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA fil-livell tal-Unjoni għas-sistemi tal-IA koperti mill-Artikolu 75(1). ***Tali ambjent ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA ***għandu jiġi implimentat*** b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, b'mod partikolari meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni apparti dan ir-Regolament tkun sorveljata fl-ambjent ***ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA, u ***għandu jipprovdi*** aċċess prijoritarju għall-SMEs***. Sa fejn is-sistemi innovattivi tal-IA jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali, l-awtoritajiet kompetenti għall-protezzjoni tad-data għandhom ikunu assoċjati mat-***

tħaddim tal-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għall-IA stabbilit fil-livell tal-Unjoni u involuti fis-superviżjoni ta' dawk l-aspetti sal-limitu tal-kompiti u tas-setgħat rispettivi tagħhom, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, mar-Regolament (UE) 2018/1725 u mad-Direttiva (UE) 2018/680.;

Or. en

Emenda 267
Zala Tomašič, Tomáš Zdechovský, Jan Farský, Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt a
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 57 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Uffiċċju għall-IA jista' jistabbilixxi wkoll ***ambjenti tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA fil-livell tal-Unjoni għas-sistemi tal-IA koperti mill-Artikolu 75(1). ***Dawn l-ambjenti tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA ***għandhom jiġu implimentati*** b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, b'mod partikolari meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni apparti dan ir-Regolament tkun sorveljata fl-ambjent ***tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA, u ***għandhom jipprovdu*** aċċess prijoritarju għall-SMEs.***;***	L-Uffiċċju għall-IA jista' jistabbilixxi wkoll ***ambjent ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA fil-livell tal-Unjoni għas-sistemi tal-IA koperti mill-Artikolu 75(1). ***Tali ambjent ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA ***għandu jiġi implimentat*** b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, b'mod partikolari meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni apparti dan ir-Regolament tkun sorveljata fl-ambjent ***ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA, u ***għandu jipprovdi*** aċċess prijoritarju għall-SMEs ***u għall-SMCs***. ***Għandu jkun operazzjonali mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Omnibus Diġitali jipprevedi l-istabbiliment ta' ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għall-IA fil-livell tal-UE mill-Uffiċċju għall-IA biss mill-2028. Għall-SMEs u n-negozji ġodda li se jiffaċċjaw obbligi ta' konformità skont l-Att dwar l-IA aktar kmieni, din l-iskeda ta' żmien hija tard wisq. L-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja huma l-aktar effettivi meta jkunu disponibbli fl-istadju bikri tal-applikazzjoni regolatorja. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha taċċellera l-istabbiliment ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għall-IA fil-

livell tal-UE u tiżgura d-disponibbiltà tagħhom ferm qabel l-2028, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-bidu tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-IA dwar sistemi b'riskju għoli.

Emenda 268
Jaroslav Bžoch, Klara Dostalova

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt a
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 57 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Uffiċċju għall-IA jista' jistabbilixxi wkoll ***ambjenti tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA fil-livell tal-Unjoni għas-sistemi tal-IA koperti mill-Artikolu 75(1). ***Dawn l-ambjenti tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA ***għandhom jiġu implimentati*** b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, b'mod partikolari meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni apparti dan ir-Regolament tkun sorveljata fl-ambjent ***tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA, u ***għandhom jipprovdu*** aċċess prijoritarju għall-SMEs.***"***;	L-Uffiċċju għall-IA jista' jistabbilixxi wkoll ***ambjent ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA fil-livell tal-Unjoni għas-sistemi tal-IA koperti mill-Artikolu 75(1). ***Tali ambjent ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA ***għandu jiġi implimentat*** b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, b'mod partikolari meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni apparti dan ir-Regolament tkun sorveljata fl-ambjent ***ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA, u ***għandu jipprovdi*** aċċess prijoritarju ***għall-SMCs u*** għall-SMEs***, inklużi n-negozji ġodda***.;

Or. en

Emenda 269
Virginie Joron, Elisabeth Dieringer, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Pascale Piera

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt a
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 57 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"L-Uffiċċju għall-IA jista' jistabbilixxi wkoll ***ambjenti tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA fil-livell tal-Unjoni għas-sistemi tal-IA koperti mill-Artikolu	***Meta neċessarju, il-Bord*** jista' jistabbilixxi wkoll ***ambjent ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA fil-livell tal-Unjoni għas-sistemi tal-IA koperti mill-Artikolu

75(1). ***Dawn l-ambjenti tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA ***għandhom jiġu implimentati*** b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, b'mod partikolari meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni apparti dan ir-Regolament tkun sorveljata fl-ambjent ***tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA, u ***għandhom jipprovdu*** aċċess prijoritarju għall-SMEs.;	75(1). ***Tali ambjent ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA ***għandu jiġi implimentat*** b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, b'mod partikolari meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni apparti dan ir-Regolament tkun sorveljata fl-ambjent ***ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA, u ***għandu jipprovdi*** aċċess prijoritarju għall-SMEs ***u għall-SMCs***.;

Or. en

Emenda 270
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt a
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 57 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Uffiċċju għall-IA ***jista'*** jistabbilixxi wkoll ***ambjenti tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA fil-livell tal-Unjoni għas-sistemi tal-IA koperti mill-Artikolu 75(1). ***Dawn l-ambjenti tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA ***għandhom jiġu implimentati*** b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, b'mod partikolari meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni apparti dan ir-Regolament tkun sorveljata fl-ambjent ***tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA, u ***għandhom jipprovdu*** aċċess prijoritarju għall-SMEs.;	L-Uffiċċju għall-IA ***għandu*** jistabbilixxi wkoll ***ambjent ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA fil-livell tal-Unjoni għas-sistemi tal-IA koperti mill-Artikolu 75(1). ***Tali ambjent ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA ***għandu jiġi implimentat*** b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, b'mod partikolari meta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni apparti dan ir-Regolament tkun sorveljata fl-ambjent ***ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA, u ***għandu jipprovdi*** aċċess prijoritarju għall-SMEs.;

Or. en

Emenda 271
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt b
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 57 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-ambjenti ***tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA stabbiliti skont dan l-Artikolu għandhom jipprevedu ambjent ikkontrollat li jrawwem l-innovazzjoni u jiffaċilita l-iżvilupp, it-taħriġ, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' sistemi innovattivi tal-IA għal żmien limitat qabel l-introduzzjoni tagħhom fis-suq jew it-tqegħid tagħhom fis-servizz skont pjan ***speċifiku*** tal-ambjent ***tal-esperimentazzjoni*** miftiehem bejn il-fornituri jew il-fornituri prospettivi u l-awtorità kompetenti, filwaqt li jkunu żgurati s-salvagwardji xierqa. ***Tali ambjenti tal-esperimentazzjoni jistgħu jinkludu ttestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali bis-superviżjoni. Meta applikabbli, il-pjan tal-ambjent tal-esperimentazzjoni għandu jinkorpora l-pjan tal-ittestjar fid-dinja reali f'dokument wieħed."***;	5. L-ambjenti ***ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA stabbiliti skont dan l-Artikolu għandhom jipprevedu ambjent ikkontrollat li jrawwem l-innovazzjoni u jiffaċilita l-iżvilupp, it-taħriġ, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' sistemi innovattivi tal-IA għal żmien limitat qabel l-introduzzjoni tagħhom fis-suq jew it-tqegħid tagħhom fis-servizz skont pjan tal-ambjent ***ta' esperimentazzjoni speċifiku*** miftiehem bejn il-fornituri jew il-fornituri prospettivi u l-awtorità kompetenti, filwaqt li jkunu żgurati s-salvagwardji xierqa.;

Or. en

Emenda 272
Leila Chaibi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt c
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 57 – paragrafu 9 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fil-paragrafu 9, il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"(e) l-iffaċilitar u t-tħaffif tal-aċċess tas-suq tal-Unjoni għas-sistemi tal-IA, b'mod partikolari meta jkunu pprovduti minn SMCs u minn SMEs, inkluż negozji	

ġodda.”;

Or. en

Emenda 273
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt c
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 57 – paragrafu 9 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fil-paragrafu 9, il-punt (e) huwa sostitwit b’dan li ġej:	***imħassar***
“(e) l-iffaċilitar u t-tħaffif tal-aċċess tas-suq tal-Unjoni għas-sistemi tal-IA, b’mod partikolari meta jkunu pprovduti minn SMCs u minn SMEs, inkluż negozji ġodda.”;	

Or. en

Emenda 274
Brando Benifei, Kristian Vigenin, Christel Schaldemose, Pierre Jouvet, Marc Angel, Francisco Assis, Alex Agius Saliba, José Cepeda, Elena Sancho Murillo, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Hannes Heide

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt c
Regolament (UE) 2024/1690
Artikolu 57 – paragrafu 9 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fil-paragrafu 9, il-punt (e) huwa sostitwit b’dan li ġej:	***imħassar***
“(e) l-iffaċilitar u t-tħaffif tal-aċċess tas-suq tal-Unjoni għas-sistemi tal-IA, b’mod partikolari meta jkunu pprovduti minn SMCs u minn SMEs, inkluż negozji ġodda.”;	

Or. en

Emenda 275
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt ca (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 57 – paragrafu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) fl-Artikolu 57, jiddaħħal il-paragrafu10a:
	"10a. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 3a, l-Uffiċċju għall-IA għandu jiżgura li, sa fejn is-sistemi innovattivi tal-IA jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali jew inkella jaqgħu fil-mandat superviżorju ta' awtoritajiet nazzjonali jew awtoritajiet kompetenti oħra li jipprovdu jew jappoġġaw l-aċċess għad-data, l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data, l-EDPB u dawk l-awtoritajiet nazzjonali jew kompetenti l-oħra jkunu assoċjati mat-tħaddim tal-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għall-IA u jkunu involuti fis-superviżjoni ta' dawk l-aspetti sal-limitu tal-kompiti u tas-setgħat rispettivi tagħhom.";

Or. en

Emenda 276
Virginie Joron, Ernő Schaller-Baross, Pál Szekeres, Elisabeth Dieringer, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Pascale Piera

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt d
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 57 – paragrafu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-paragrafu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"13. L-ambjenti tal-esperimentazzjoni regolatorja għall-IA għandhom jiġu ddisinjati u implimentati b'mod li jkunu jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.";	

Or. en

Emenda 277
Leila Chaibi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt e
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 57 – paragrafu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-paragrafu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"14. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom u jikkooperaw fil-qafas tal-Bord. Dawn għandhom jappoġġaw l-istabbiliment konġunt u l-operat ta' ambjenti tal-esperimentazzjoni regolatorja għall-IA, inkluż f'setturi differenti.";	

Or. en

Emenda 278
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt e

Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 57 – paragrafu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom u jikkooperaw fil-qafas tal-Bord. Dawn għandhom jappoġġaw l-istabbiliment konġunt u l-operat ta' ambjenti ***tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA, inkluż f'setturi differenti.";	14. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti***, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u l-Uffiċċju għall-IA*** għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom u jikkooperaw fil-qafas tal-Bord. Dawn għandhom jappoġġaw l-istabbiliment konġunt u l-operat ta' ambjenti ***ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA, inkluż f'setturi differenti.";

Or. en

Emenda 279
Jaroslav Bžoch, Klara Dostalova

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt e
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 57 – paragrafu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom u jikkooperaw fil-qafas tal-Bord. Dawn ***għandhom*** jappoġġaw l-istabbiliment konġunt u l-operat ta' ambjenti ***tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA, inkluż f'setturi differenti.;	14. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***u l-Uffiċċju għall-IA*** għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom u jikkooperaw fil-qafas tal-Bord. Dawn ***jistgħu*** jappoġġaw l-istabbiliment konġunt u l-operat ta' ambjenti ***ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA, inkluż f'setturi differenti.;

Or. en

Emenda 280
Virginie Joron, Ernő Schaller-Baross, Pál Szekeres, Elisabeth Dieringer, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Pascale Piera

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt e

Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 57 – paragrafu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom u jikkooperaw fil-qafas tal-Bord. Dawn ***għandhom*** jappoġġaw l-istabbiliment konġunt u l-operat ta' ambjenti ***tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA, inkluż f'setturi differenti.;	14. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom u jikkooperaw fil-qafas tal-Bord. Dawn ***jistgħu*** jappoġġaw l-istabbiliment konġunt u l-operat ta' ambjenti ***ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA, inkluż f'setturi differenti.;

Or. en

Emenda 281
Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 57 – paragrafu 7

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ba) fl-Artikolu 57, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:
7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-fornituri u lill-fornituri prospettivi li jipparteċipaw fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għall-IA gwida dwar l-aspettattivi regolatorji u dwar kif jissodisfaw ir-rekwiżiti u l-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament. Fuq talba tal-fornitur jew ta' fornitur prospettiv tas-sistema tal-IA, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi evidenza bil-miktub tal-attivitajiet imwettqa b'suċċess fl-ambjent ta' esperimentazzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi wkoll rapport ta' ħruġ li jagħti d-dettalji dwar l-attivitajiet imwettqa fl-ambjent ta' esperimentazzjoni u r-riżultati u l-eżiti tat-tagħlim relatati. Il-fornituri jistgħu jużaw tali dokumentazzjoni biex juru l-	***"7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-fornituri u lill-fornituri prospettivi li jipparteċipaw fl-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għall-IA bi gwida dwar l-aspettattivi regolatorji u dwar kif jissodisfaw ir-rekwiżiti u l-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament. Fuq talba tal-fornitur jew ta' fornitur prospettiv tas-sistema tal-IA, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi evidenza bil-miktub tal-attivitajiet imwettqa b'suċċess fl-ambjent ta' esperimentazzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi wkoll rapport ta' ħruġ li jagħti d-dettalji dwar l-attivitajiet imwettqa fl-ambjent ta' esperimentazzjoni u r-riżultati u l-eżiti tal-apprendiment relatati. Is-sistemi tal-IA li pparteċipaw f'ambjent ta' esperimentazzjoni***

konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament permezz tal-proċess ta' valutazzjoni tal-konformità jew l-attivitajiet rilevanti tas-sorveljanza tas-suq. F'dan ir-rigward, ir-rapporti ta' ħruġ u l-prova bil-miktub ipprovduti mill-awtorità nazzjonali kompetenti għandhom jitqiesu b'mod pożittiv mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u mill-korpi notifikati, bl-għan li jiġu aċċellerati l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità b'mod raġonevoli.

regolatorja għall-IA huma preżunti li jkunu qed jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, limitati għall-attivitajiet dettaljati fir-rapporti ta' ħruġ u l-prova bil-miktub ipprovduta mill-awtorità nazzjonali kompetenti.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-formulazzjoni attwali tal-Artikolu 57, il-paragrafu 7, ma tiggarantix benefiċċji proporzjonati għall-isforz organizzazzjonali, tekniku u proċedurali meħtieġ mill-kumpaniji biex jipparteċipaw fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni. Is-suppożizzjoni ta' konformità bbażata fuq l-attivitajiet imwettqa b'suċċess fl-ambjent ta' esperimentazzjoni tagħmel il-valur tal-parteċipazzjoni aktar tanġibbli b'mod immedjat, speċjalment għall-SMEs u n-negozji ġodda.

Emenda 282
Virginie Joron, Jaroslav Bžoch, Ernő Schaller-Baross, Pál Szekeres, Klara Dostalova, Jorge Martín Frías, Elisabeth Dieringer, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Pascale Piera

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 58 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Biex tiġi evitata l-frammentazzjoni madwar l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-arranġamenti ddettaljati għall-istabbiliment, għall-iżvilupp, għall-implimentazzjoni, għall-operat, għall-governanza u għas-superviżjoni tal-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għall-IA. L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jinkludu prinċipji komuni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:	1. Biex tiġi evitata l-frammentazzjoni madwar l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni***, abbażi ta' opinjoni minn qabel mingħand il-Bord,*** li jispeċifikaw l-arranġamenti ddettaljati għall-istabbiliment, għall-iżvilupp, għall-implimentazzjoni, għall-operat, għall-governanza u għas-superviżjoni tal-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għall-IA. L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jinkludu prinċipji komuni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 283
Virginie Joron, Ernő Schaller-Baross, Pál Szekeres, Elisabeth Dieringer, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Pascale Piera

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Regolament (UE) 2014/1689
Artikolu 58 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ir-regoli dettaljati applikabbli għall-governanza tal-ambjenti ***tal-esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA koperti skont l-Artikolu 57, inkluż fir-rigward ***tal-eżerċitar tal-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti*** u ***l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni*** fil-livell nazzjonali u tal-UE.;	(d) ir-regoli dettaljati applikabbli għall-governanza tal-ambjenti ***ta' esperimentazzjoni*** regolatorja għall-IA koperti skont l-Artikolu 57, inkluż fir-rigward ***tal-koordinazzjoni*** u ***tal-kooperazzjoni*** fil-livell nazzjonali u tal-UE.;

Or. en

Emenda 284
Virginie Joron, Jaroslav Bžoch, Ernő Schaller-Baross, Pál Szekeres, Klara Dostalova, Jorge Martín Frías, Elisabeth Dieringer, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Pascale Piera

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)
Regolament (UE) 2014/1689
Artikolu 58 – paragrafu 2 – punt d

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(18a) fl-Artikolu 58, il-paragrafu 2, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(d) li l-aċċess għall-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għall-IA ***ikun*** bla ħlas għall-SMEs, ***inkluż in-negozji*** ġodda, mingħajr preġudizzju għall-kostijiet eċċezzjonali li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jirkupraw	***"(d) li l-aċċess għall-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għall-IA jkun bla ħlas għall-SMEs u għall-SMEs, inklużi n-negozji ġodda, mingħajr preġudizzju għall-kostijiet eċċezzjonali li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jirkupraw b'mod ġust u***

b’mod ġust u proporzjonat;	***proporzjonat;”;***

Or. en

Emenda 285
Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 58 – paragrafu 2 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) fl-Artikolu 58, il-paragrafu 2, jiddaħħal il-punt li ġej:
	“(ia) li s-sistemi tal-IA li pparteċipaw f’ambjent ta’ esperimentazzjoni regolatorja għall-IA jibbenefikaw minn suppożizzjoni ta’ konformità mar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament relatati mal-attivitajiet imwettqa fl-ambjent ta’ esperimentazzjoni.”;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tiżviluppa atti ta’ implimentazzjoni li jagħtu dettalji dwar il-funzjonament tal-ambjenti ta’ esperimentazzjoni għall-IA li jiżguraw suppożizzjoni ta’ konformità għall-parteċipanti, u b’hekk tagħmilhom aktar attraenti għall-fornituri tal-IA, speċjalment l-SMEs u n-negozji ġodda.

Emenda 286
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 60

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) l-Artikolu 60 huwa emendat kif	***imħassar***

ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ittestjar tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli f'kundizzjonijiet tad-dinja reali barra minn ambjenti tal-esperimentazzjoni regolatorja għall-IA jistgħu jagħmluh fornituri jew fornituri prospettivi tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli elenkati fl-Anness III jew koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I, f'konformità ma' dan l-Artikolu u mal-pjan tal-ittestjar fid-dinja reali msemmi f'dan l-Artikolu, mingħajr preġudizzju għall-projbizzjonijiet skont l-Artikolu 5.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-fornituri jew il-fornituri prospettivi jistgħu jwettqu l-ittestjar tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli msemmija fl-Anness III jew koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I f'kundizzjonijiet tad-dinja reali fi kwalunkwe ħin qabel l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz tas-sistema tal-IA, waħedhom jew bi sħubija ma' implimentatur jew implimentatur prospettiv wieħed jew aktar.";

Or. en

Emenda 287
Leila Chaibi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 60

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) l-Artikolu 60 huwa emendat kif	***imħassar***

ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ittestjar tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli f'kundizzjonijiet tad-dinja reali barra minn ambjenti tal-esperimentazzjoni regolatorja għall-IA jistgħu jagħmluh fornituri jew fornituri prospettivi tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli elenkati fl-Anness III jew koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I, f'konformità ma' dan l-Artikolu u mal-pjan tal-ittestjar fid-dinja reali msemmi f'dan l-Artikolu, mingħajr preġudizzju għall-projbizzjonijiet skont l-Artikolu 5.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-fornituri jew il-fornituri prospettivi jistgħu jwettqu l-ittestjar tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli msemmija fl-Anness III jew koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I f'kundizzjonijiet tad-dinja reali fi kwalunkwe ħin qabel l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz tas-sistema tal-IA, waħedhom jew bi sħubija ma' implimentatur jew implimentatur prospettiv wieħed jew aktar.";

Or. en

Emenda 288
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 60

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) l-Artikolu 60 huwa emendat kif ġej:	***imħassar***
(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:	
"L-ittestjar tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli f'kundizzjonijiet tad-dinja reali barra minn ambjenti tal-esperimentazzjoni regolatorja għall-IA jistgħu jagħmluh fornituri jew fornituri prospettivi tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli elenkati fl-Anness III jew koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I, f'konformità ma' dan l-Artikolu u mal-pjan tal-ittestjar fid-dinja reali msemmi f'dan l-Artikolu, mingħajr preġudizzju għall-projbizzjonijiet skont l-Artikolu 5.";	
(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:	
"2. Il-fornituri jew il-fornituri prospettivi jistgħu jwettqu l-ittestjar tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli msemmija fl-Anness III jew koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Anness I f'kundizzjonijiet tad-dinja reali fi kwalunkwe ħin qabel l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz tas-sistema tal-IA, waħedhom jew bi sħubija ma' implimentatur jew implimentatur prospettiv wieħed jew aktar.";	

Or. en

Emenda 289
Leila Chaibi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 60a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) jiddaħħal l-Artikolu 60a li ġej:	***imħassar***
“Artikolu 60a	
Ittestjar tas-sistemi tal-IA b’riskju għoli koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness I f’kundizzjonijiet tad-dinja reali barra minn ambjenti tal-esperimentazzjoni regolatorja għall-IA	
1. L-ittestjar tas-sistemi tal-IA b’riskju għoli f’kundizzjonijiet tad-dinja reali barra minn ambjenti tal-esperimentazzjoni regolatorja għall-IA jistgħu jagħmluh fornituri jew fornituri prospettivi ta’ prodotti li jużaw l-IA koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima b tal-Anness I, f’konformità ma’ dan l-Artikolu u bi ftehim volontarju tal-ittestjar f’kundizzjonijiet tad-dinja reali, mingħajr preġudizzju għall-projbizzjonijiet skont l-Artikolu 5.	
2. Il-ftehim volontarju tal-ittestjar f’kundizzjonijiet tad-dinja reali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi konkluż bil-miktub bejn l-Istati Membri interessati u l-Kummissjoni. Dan għandu jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-ittestjar ta’ dawk il-prodotti li jużaw l-IA koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness I f’kundizzjonijiet tad-dinja reali.	
3. L-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-ġestjoni u t-tħaddim tal-infrastruttura u l-prodotti koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness I għandhom jikkooperaw mill-qrib ma’ xulxin u in bona fide, u għandhom ineħħu kull ostaklu prattiku, inkluż dwar ir-regoli proċedurali li jipprovdu aċċess għall-infrastruttura pubblika fiżika, meta dan	

ikun meħtieġ, biex il-ftehim volontarju tal-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali jiġi implimentat b'suċċess u jiġu ttestjati l-prodotti li jużaw l-IA koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness.

4. Il-firmatarji tal-ftehim volontarju tal-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali għandhom jispeċifikaw il-kundizzjonijiet tal-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali u jistabbilixxu elementi dettaljati tal-pjan tal-ittestjar fid-dinja reali għas-sistemi tal-IA koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness I.

5. L-Artikolu 60(2), (5) u (9) għandu japplika.";

Or. en

Emenda 290
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 60a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) jiddaħħal l-Artikolu 60a li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 60a	
Ittestjar tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness I f'kundizzjonijiet tad-dinja reali barra minn ambjenti tal-esperimentazzjoni regolatorja għall-IA	
1. L-ittestjar tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli f'kundizzjonijiet tad-dinja reali barra minn ambjenti tal-esperimentazzjoni regolatorja għall-IA jistgħu jagħmluh fornituri jew fornituri	

prospettivi ta' prodotti li jużaw l-IA koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima b tal-Anness I, f'konformità ma' dan l-Artikolu u bi ftehim volontarju tal-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali, mingħajr preġudizzju għall-projbizzjonijiet skont l-Artikolu 5.

2. Il-ftehim volontarju tal-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi konkluż bil-miktub bejn l-Istati Membri interessati u l-Kummissjoni. Dan għandu jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-ittestjar ta' dawk il-prodotti li jużaw l-IA koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness I f'kundizzjonijiet tad-dinja reali.

3. L-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-ġestjoni u t-tħaddim tal-infrastruttura u l-prodotti koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness I għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin u in bona fide, u għandhom ineħħu kull ostaklu prattiku, inkluż dwar ir-regoli proċedurali li jipprovdu aċċess għall-infrastruttura pubblika fiżika, meta dan ikun meħtieġ, biex il-ftehim volontarju tal-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali jiġi implimentat b'suċċess u jiġu ttestjati l-prodotti li jużaw l-IA koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness.

4. Il-firmatarji tal-ftehim volontarju tal-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali għandhom jispeċifikaw il-kundizzjonijiet tal-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali u jistabbilixxu elementi dettaljati tal-pjan tal-ittestjar fid-dinja reali għas-sistemi tal-IA koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-

Taqsima B tal-Anness I.

5. L-Artikolu 60(2), (5) u (9) għandu japplika.";

Or. en

Emenda 291
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 60a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) jiddaħħal l-Artikolu 60a li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 60a	
Ittestjar tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness I f'kundizzjonijiet tad-dinja reali barra minn ambjenti tal-esperimentazzjoni regolatorja għall-IA	
1. L-ittestjar tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli f'kundizzjonijiet tad-dinja reali barra minn ambjenti tal-esperimentazzjoni regolatorja għall-IA jistgħu jagħmluh fornituri jew fornituri prospettivi ta' prodotti li jużaw l-IA koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima b tal-Anness I, f'konformità ma' dan l-Artikolu u bi ftehim volontarju tal-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali, mingħajr preġudizzju għall-projbizzjonijiet skont l-Artikolu 5.	
2. Il-ftehim volontarju tal-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi konkluż bil-miktub bejn l-Istati Membri interessati u l-Kummissjoni. Dan għandu jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-ittestjar ta' dawk il-prodotti li jużaw l-IA koperti mil-	

leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness I f'kundizzjonijiet tad-dinja reali.

3. L-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-ġestjoni u t-tħaddim tal-infrastruttura u l-prodotti koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness I għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin u in bona fide, u għandhom ineħħu kull ostaklu prattiku, inkluż dwar ir-regoli proċedurali li jipprovdu aċċess għall-infrastruttura pubblika fiżika, meta dan ikun meħtieġ, biex il-ftehim volontarju tal-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali jiġi implimentat b'suċċess u jiġu ttestjati l-prodotti li jużaw l-IA koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness.

4. Il-firmatarji tal-ftehim volontarju tal-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali għandhom jispeċifikaw il-kundizzjonijiet tal-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali u jistabbilixxu elementi dettaljati tal-pjan tal-ittestjar fid-dinja reali għas-sistemi tal-IA koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness I.

5. L-Artikolu 60(2), (5) u (9) għandu japplika.";

Or. en

Emenda 292
Virginie Joron, Ernő Schaller-Baross, Pál Szekeres, Elisabeth Dieringer, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Pascale Piera

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20

Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 60a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-ġestjoni u t-tħaddim tal-infrastruttura u l-prodotti koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness I għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin u ***in*** bona fide, u għandhom ineħħu kull ostaklu prattiku, inkluż dwar ir-regoli proċedurali li jipprovdu aċċess għall-infrastruttura pubblika fiżika, meta dan ikun meħtieġ, biex il-ftehim volontarju tal-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali jiġi implimentat b'suċċess u jiġu ttestjati l-prodotti li jużaw l-IA koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness.	3. L-Istati Membri, ***li huma parti għall-ftehim volontarju tal-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali,*** il-Kummissjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ***rilevanti*** u l-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-ġestjoni u t-tħaddim tal-infrastruttura u l-prodotti koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness I għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin u *bona fide*, u għandhom ineħħu kull ostaklu prattiku, inkluż dwar ir-regoli proċedurali li jipprovdu aċċess għall-infrastruttura pubblika fiżika, meta dan ikun meħtieġ, biex il-ftehim volontarju tal-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali jiġi implimentat b'suċċess u jiġu ttestjati l-prodotti li jużaw l-IA koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness.

Or. en

Emenda 293
Brando Benifei, Kristian Vigenin, Christel Schaldemose, Pierre Jouvet, Marc Angel, Francisco Assis, Alex Agius Saliba, José Cepeda, Elena Sancho Murillo, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Hannes Heide

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 60a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-ġestjoni u t-tħaddim tal-infrastruttura u l-prodotti koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata	3. L-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet ***nazzjonali kompetenti bħall-awtoritajiet*** tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-ġestjoni u t-tħaddim tal-infrastruttura u l-prodotti koperti mil-leġiżlazzjoni tal-

fit-Taqsima B tal-Anness I għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin u ***in*** bona fide, u għandhom ineħħu kull ostaklu prattiku, inkluż dwar ir-regoli proċedurali li jipprovdu aċċess għall-infrastruttura pubblika fiżika, meta dan ikun meħtieġ, biex il-ftehim volontarju tal-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali jiġi implimentat b'suċċess u jiġu ttestjati l-prodotti li jużaw l-IA koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness.	Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness I għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin u *bona fide*, u għandhom ineħħu kull ostaklu prattiku, inkluż dwar ir-regoli proċedurali li jipprovdu aċċess għall-infrastruttura pubblika fiżika, meta dan ikun meħtieġ, biex il-ftehim volontarju tal-ittestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali jiġi implimentat b'suċċess u jiġu ttestjati l-prodotti li jużaw l-IA koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fit-Taqsima B tal-Anness.

Or. en

Emenda 294
Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) l-Artikolu 62 huwa emendat kif ġej:
	(a) fil-paragrafu 1, il-punt (d) huwa emendat kif ġej:
	"(d) jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-SMEs u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fil-proċess tal-iżvilupp tal-istandardizzazzjoni, inkluż permezz ta' mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju ddedikati xierqa biex jiġu rimborżati l-kostijiet tal-parteċipazzjoni tal-esperti tal-SMEs fil-korpi Ewropej.";
	(b) fil-paragrafu 3, jiżdied il-punt (da):
	"(da) jistabbilixxu u jżommu repożitorju pubbliku ta' komponenti ċċertifikati tal-IA b'sors miftuħ, inkluż għall-finijiet tal-obbligi skont l-Artikolu 16, l-użu ta' dawn

il-komponenti huwa prežunt li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 2.”

Or. en

Ġustifikazzjoni

Compliance with the Regulation will depend on the appropriate tools made available to small businesses for regulatory compliance. In this regard, it is essential to strengthen support for SMEs in the process of developing authorized standards. Currently, participation in technical discussions at European standardization organizations (CEN, CENELEC, ETSI) is only affordable for large companies. Without reimbursement for SME experts, standards will be tailored exclusively to the needs of large corporations, making compliance impractical for small operators.Furthermore, it will be crucial to relieve SMEs of overly complex audits of open-source components developed by third parties. In this regard, the establishment of a "Safe Harbor" linked to an EU-certified repository managed by the AI Office is the only way to enable the safe use of open-source without exposing small businesses to unacceptable compliance risks.

Emenda 295
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 63 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) l-Artikolu 63(1) huwa sostitwit b’dan li ġej:	***imħassar***
“1. L-SMEs, inkluż in-negozji ġodda, jistgħu jikkonformaw ma’ ċerti elementi tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità meħtieġa mill-Artikolu 17 b’mod simplifikat. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-elementi tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità li tista’ tinżamm konformità magħhom b’mod simplifikat meta jitqiesu l-ħtiġijiet tal-SMEs, bla ma jiġi affettwat il-livell tal-protezzjoni jew il-ħtieġa ta’ konformità mar-rekwiżiti fir-rigward tas-sistemi tal-IA b’riskju għoli.”;	

Or. en

Emenda 296
Axel Voss

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 63 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-SMEs, ***inkluż in-negozji*** ġodda, jistgħu jikkonformaw ma' ċerti elementi ***tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità meħtieġa mill-Artikolu*** 17 b'mod simplifikat. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-elementi tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità li tista' tinżamm konformità magħhom b'mod simplifikat meta jitqiesu l-ħtiġijiet tal-SMEs, bla ma jiġi affettwat il-livell tal-protezzjoni jew il-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti fir-rigward tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli.***;***	1. ***L-SMCs u*** l-SMEs, ***inkluži n-negozji*** ġodda, jistgħu jikkonformaw ma' ċerti elementi ***tal-obbligi legali definiti taħt l-Artikolu 9, 10, 11, 12,*** 17***, 43*** b'mod simplifikat. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-elementi tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità li tista' tinżamm konformità magħhom b'mod simplifikat meta jitqiesu l-ħtiġijiet ***tal-SMCs u*** tal-SMEs, bla ma jiġi affettwat il-livell tal-protezzjoni jew il-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti fir-rigward tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli. ***Sabiex jibbenefikaw minn dawk ir-rekwiżiti mnaqqsa (bħal valutazzjonijiet tar-riskju simplifikati, obbligi mnaqqsa tal-illoggjar, dokumentazzjoni teknika ġeneralizzata, valutazzjonijiet tal-konformità aċċellerati, taħriġ b'data sensittiva/psewdonimizzata), is-sistema tal-IA jew il-mudell tal-IA sottostanti jridu jitħarrġu bl-EU Compute.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Targeted simplification for SMCs/SMEs can unlock compliance capacity, but it should be linked to objective conditions that reduce dependency and strengthen Europe's ability to verify and enforce high-risk requirements. The "EU compute" criterion is not about company nationality; it is about ensuring that training and key operational controls sit under EU jurisdiction and technical control (i.e. hardware, access, logs, keys and data governance), making audits, incident response and supervision realistically executable. This creates a concrete demand-side incentive for trusted European infrastructure, so that the AI Act/Omnibus does not unintentionally channel more high-risk development onto non-EU

stacks while Europe remains mainly a data supplier. The criterion must therefore be defined as effective EU control over compute and operations, to avoid paper compliance and false "sovereignty" labelling.

Emenda 297
Brando Benifei, Kristian Vigenin, Christel Schaldemose, Pierre Jouvet, Marc Angel, Francisco Assis, Alex Agius Saliba, José Cepeda, Elena Sancho Murillo, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Hannes Heide

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 63 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-SMEs***, ***inkluż in-negozji*** ġodda, jistgħu jikkonformaw ma' ċerti elementi tas-sistema ***tal-ġestjoni*** tal-kwalità meħtieġa mill-Artikolu 17 b'mod simplifikat. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-elementi tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità li tista' tinżamm konformità magħhom b'mod simplifikat meta jitqiesu l-ħtiġijiet ***tal-SMEs***, bla ma jiġi affettwat il-livell tal-protezzjoni jew il-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti fir-rigward tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli.";	1. ***L-intrapriżi mikro u żgħar***, ***inklużi n-negozji*** ġodda, ***fis-sens tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE,*** jistgħu jikkonformaw ma' ċerti elementi tas-sistema ***ta' ġestjoni*** tal-kwalità meħtieġa mill-Artikolu 17 b'mod simplifikat***, dment li ma jkollhomx intrapriżi sħab jew intrapriżi relatati fis-sens ta' dik ir-Rakkomandazzjoni***. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-elementi tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità li tista' tinżamm konformità magħhom b'mod simplifikat meta jitqiesu l-ħtiġijiet ***tal-intrapriżi mikro u żgħar***, bla ma jiġi affettwat il-livell tal-protezzjoni jew il-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti fir-rigward tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli.";

Or. en

Emenda 298
Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 63 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-SMEs, ***inkluż in-negozji*** ġodda, jistgħu jikkonformaw ma' ċerti elementi tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità meħtieġa mill-Artikolu 17 b'mod simplifikat. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-elementi tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità li tista' tinżamm konformità magħhom b'mod simplifikat meta jitqiesu l-ħtiġijiet tal-SMEs, bla ma jiġi affettwat il-livell tal-protezzjoni jew il-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti fir-rigward tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli.;	1. L-SMEs, ***inklużi n-negozji*** ġodda, jistgħu jikkonformaw ma' ċerti elementi tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità meħtieġa mill-Artikolu 17 b'mod simplifikat***. Għall-mikrointrapriżi, din is-simplifikazzjoni għandha tkopri l-elementi kollha tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 17***. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-elementi tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità li tista' tinżamm konformità magħhom b'mod simplifikat meta jitqiesu l-ħtiġijiet tal-SMEs, bla ma jiġi affettwat il-livell tal-protezzjoni jew il-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti fir-rigward tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Approċċ strettament proporzjonali jeħtieġ differenzjazzjoni bbażata fuq id-daqs tal-kumpaniji. Il-mikrointrapriżi, fil-fatt, għandhom ikunu jistgħu jgawdu minn grad ulterjuri ta' simplifikazzjoni meta mqabbla mal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, filwaqt li jevitaw żvantaġġi kompetittivi u jadattaw il-konformità għall-kapaċitajiet tal-operatur ekonomiku.

Emenda 299
Svenja Hahn, Nikola Minchev, Cynthia Ní Mhurchú, Moritz Körner, Sophie Wilmès, Jan-Christoph Oetjen, Ana Vasconcelos, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 63 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-SMEs, ***inkluż in-negozji*** ġodda, jistgħu jikkonformaw ma' ċerti elementi tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità meħtieġa mill-Artikolu 17 b'mod simplifikat. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-elementi tas-sistema tal-	1. L-SMEs, ***inklużi n-negozji*** ġodda, ***u l-SMCs*** jistgħu jikkonformaw ma' ċerti elementi tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità meħtieġa mill-Artikolu 17 b'mod simplifikat. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-elementi tas-sistema tal-

ġestjoni tal-kwalità li tista' tinżamm konformità magħhom b'mod simplifikat meta jitqiesu l-ħtiġijiet tal-SMEs, bla ma jiġi affettwat il-livell tal-protezzjoni jew il-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti fir-rigward tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli.;	ġestjoni tal-kwalità li tista' tinżamm konformità magħhom b'mod simplifikat meta jitqiesu l-ħtiġijiet tal-SMEs ***u tal-SMCs***, bla ma jiġi affettwat il-livell tal-protezzjoni jew il-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti fir-rigward tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli.***"***;

Or. en

Emenda 300
Virginie Joron, Jaroslav Bžoch, Ernő Schaller-Baross, Pál Szekeres, Klara Dostalova, Jorge Martín Frías, Elisabeth Dieringer, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Pascale Piera

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 63 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-SMEs, ***inkluż in-negozji*** ġodda, jistgħu jikkonformaw ma' ċerti elementi tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità meħtieġa mill-Artikolu 17 b'mod simplifikat. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-elementi tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità li tista' tinżamm konformità magħhom b'mod simplifikat meta jitqiesu l-ħtiġijiet tal-SMEs, bla ma jiġi affettwat il-livell tal-protezzjoni jew il-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti fir-rigward tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli.;	1. ***L-SMCs u*** l-SMEs, ***inkluži n-negozji*** ġodda, jistgħu jikkonformaw ma' ċerti elementi tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità meħtieġa mill-Artikolu 17 b'mod simplifikat. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-elementi tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità li tista' tinżamm konformità magħhom b'mod simplifikat meta jitqiesu l-ħtiġijiet tal-SMEs, bla ma jiġi affettwat il-livell tal-protezzjoni jew il-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti fir-rigward tas-sistemi tal-IA b'riskju għoli.;

Or. en

Emenda 301
Brando Benifei, Kristian Vigenin, Christel Schaldemose, Pierre Jouvet, Marc Angel, Francisco Assis, Alex Agius Saliba, José Cepeda, Elena Sancho Murillo, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Hannes Heide

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21a (ġdid)

Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 64 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) fl-Artikolu 64, jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:
	"2a. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Uffiċċju għall-IA jiġi pprovdut b'riżorsi tekniċi, finanzjarji u umani adegwati, u b'infrastruttura biex iwettaq il-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament. B'mod partikolari, l-Uffiċċju għall-IA għandu jkollu għadd suffiċjenti ta' persunal disponibbli b'mod permanenti li l-kompetenzi u l-kompetenza esperta tiegħu għandhom jinkludu fehim fil-fond tat-teknoloġiji tal-IA, tad-data u tal-computing tad-data, tal-protezzjoni tad-data personali, taċ-ċibersigurtà, tad-drittijiet fundamentali, tar-riskji għas-saħħa u għas-sikurezza u għarfien tal-istandards u tar-rekwiżiti legali eżistenti. Il-Bord għall-IA għandu jivvaluta u, jekk meħtieġ, jaġġorna r-rekwiżiti ta' kompetenza u ta' riżorsi msemmija f'dan il-paragrafu fuq bażi annwali.";

Or. en

Emenda 302
Virginie Joron, Elisabeth Dieringer, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Pascale Piera

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 65 – paragrafu 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(21a) l-Artikolu 65(5) huwa sostitwit b'dan li ġej;
5. Ir-rappreżentanti ddeżinjati tal-Istati Membri għandhom jadottaw ir-regoli ta' proċedura tal-Bord b'maġġoranza ta'	***"5. Ir-rappreżentanti ddeżinjati tal-Istati Membri għandhom jadottaw ir-regoli ta' proċedura tal-Bord***

żewġ terzi. Ir-regoli ta' proċedura għandhom, b'mod partikolari, jistabbilixxu proċeduri għall-proċess tal-għażla, id-durata tal-mandat u l-ispeċifikazzjonijiet tal-kompiti tal-President, l-arranġamenti ddettaljati tal-votazzjoni, u l-organizzazzjoni tal-attivitajiet tal-Bord u dawk tas-sottogruppi tiegħu.	***b'maġġoranza ta' żewġ terzi. Ir-regoli ta' proċedura għandhom, b'mod partikolari, jistabbilixxu proċeduri għall-proċess tal-għażla, id-durata tal-mandat u l-ispeċifikazzjonijiet tal-kompiti tal-President, u l-organizzazzjoni tal-attivitajiet tal-Bord u dawk tas-sottogruppi tiegħu.*** ***Id-deċiżjonijiet kollha tal-Bord għandhom jittieħdu b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu.";***

Or. en

Emenda 303
Virginie Joron, Ernő Schaller-Baross, Pál Szekeres, Elisabeth Dieringer, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Pascale Piera

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 66 – paragrafu 1 – punt k

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(21a) fl-Artikolu 66, il-punt (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(k) jassisti lill-Uffiċċju għall-IA fl-appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-istabbiliment u l-iżvilupp ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għall-IA u jiffaċilita l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għall-IA;	***"(k) jassisti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-istabbiliment u fl-iżvilupp ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għall-IA, u jiffaċilita l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għall-IA;";***

Or. en

Emenda 304
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b

Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 69 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jitħassar il-paragrafu 3.	***imħassar***

Or. en

Emenda 305
Virginie Joron, Ernő Schaller-Baross, Pál Szekeres, Elisabeth Dieringer, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Pascale Piera

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 69 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jitħassar il-paragrafu 3.	***imħassar***

Or. en

Emenda 306
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 70 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) fl-Artikolu 70, il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"8. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jipprovdu gwida u pariri dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari lill-SMCs u lill-SMEs, inkluż in-negozji ġodda, filwaqt li jqisu l-gwida u l-pariri tal-Bord u tal-Kummissjoni, kif ikun xieraq. Kull meta l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkun beħsiebhom jipprovdu gwida u pariri	

b'rabta ma' sistema tal-IA f'oqsma koperti minn liġijiet oħra tal-Unjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont dik il-liġi tal-Unjoni għandhom jiġu kkonsultati, kif xieraq.";

Or. en

Emenda 307
Leila Chaibi, Pernando Barrena Arza
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 70 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) fl-Artikolu 70, il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"8. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jipprovdu gwida u pariri dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari lill-SMCs u lill-SMEs, inkluż in-negozji ġodda, filwaqt li jqisu l-gwida u l-pariri tal-Bord u tal-Kummissjoni, kif ikun xieraq. Kull meta l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkun beħsiebhom jipprovdu gwida u pariri b'rabta ma' sistema tal-IA f'oqsma koperti minn liġijiet oħra tal-Unjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont dik il-liġi tal-Unjoni għandhom jiġu kkonsultati, kif xieraq.";	

Or. en

Emenda 308
Kristian Vigenin, Brando Benifei, Hannes Heide, Francisco Assis, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Christel Schaldemose, Pierre Jouvet, Marc Angel, Alex Agius Saliba, José Cepeda, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 70 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jipprovdu gwida u pariri dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari lill-SMCs u lill-SMEs, ***inkluż in-negozji*** ġodda, filwaqt li jqisu l-gwida u l-pariri tal-Bord u ***tal-Kummissjoni***, kif ***ikun*** xieraq. Kull meta l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkun beħsiebhom jipprovdu gwida u pariri b'rabta ma' sistema tal-IA f'oqsma koperti minn ***liġijiet oħra*** tal-Unjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont ***dik il-liġi*** tal-Unjoni għandhom jiġu kkonsultati, kif xieraq.;	8. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jipprovdu gwida u pariri dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari lill-SMCs u lill-SMEs, ***inklużi n-negozji*** ġodda, filwaqt li jqisu l-gwida u l-pariri tal-Bord ***għall-IA*** u ***tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data***, kif xieraq. Kull meta l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkun beħsiebhom jipprovdu gwida u pariri b'rabta ma' sistema tal-IA f'oqsma koperti minn ***dritt ieħor*** tal-Unjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont ***dak id-dritt tal-Unjoni u l-korpi rilevanti*** tal-Unjoni ***jekk ikunu kkonċernati diversi awtoritajiet,*** għandhom jiġu kkonsultati, kif xieraq.;

Or. en

Emenda 309
Jaroslav Bžoch, Klara Dostalova

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 71 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(23a) fl-Artikolu 71, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
4. Bl-eċċezzjoni tat-taqsima msemmija fl-Artikolu 49(4) u l-Artikolu 60(4), il-punt (c), l-informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-data tal-UE rreġistrata f'konformità mal-Artikolu 49 għandha tkun aċċessibbli u disponibbli għall-pubbliku b'mod faċli għall-utent. L-informazzjoni għandha tkun faċilment	***"4. Bl-eċċezzjoni tat-taqsima msemmija fl-Artikolu 49(4) u (5) u fl-Artikolu 60(4), il-punt (c), l-informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-data tal-UE rreġistrata f'konformità mal-Artikolu 49 għandha tkun aċċessibbli u disponibbli għall-pubbliku b'mod faċli għall-utent. L-informazzjoni għandha tkun faċilment***

navigabbli u tinqara mill-magni. L-informazzjoni rreġistrata f'konformità mal-Artikolu 60 għandha tkun aċċessibbli biss għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u għall-Kummissjoni, sakemm il-fornitur jew il-fornitur prospettiv ma jkunx ta l-kunsens tiegħu biex l-informazzjoni tkun aċċessibbli wkoll għall-pubbliku.	***navigabbli u tinqara mill-magni. L-informazzjoni rreġistrata f'konformità mal-Artikolu 60 għandha tkun aċċessibbli biss għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u għall-Kummissjoni, sakemm il-fornitur jew il-fornitur prospettiv ma jkunx ta l-kunsens tiegħu biex l-informazzjoni tkun aċċessibbli wkoll għall-pubbliku.";***

Or. en

Emenda 310
Marion Walsmann, Hildegard Bentele, Christine Schneider, Stefan Köhler, Sven Simon, Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 72 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) fl-Artikolu 72, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"3. Is-sistema tal-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq għandha tkun ibbażata fuq pjan tal-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq. Il-pjan tal-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq għandu jkun parti mid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness IV. Il-Kummissjoni għandha tadotta gwida dwar il-pjan tal-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq.";	

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-atti ta' implimentazzjoni jiżguraw rekwiżiti uniformi u jipprevjenu approċċi nazzjonali diverġenti. It-tneħħija tagħhom iżżid l-inċertezza legali u l-kostijiet permezz ta' interpretazzjonijiet ad hoc. Din ir-rotta tipprevedi input strutturat tal-Istati Membri, filwaqt li tagħti prijorità lit-titjib tal-prattiċità fuq il-gwida informali. Iż-żamma ta' dawn l-għodod tappoġġa l-kompetittività u s-simplifikazzjoni billi tevita l-frammentazzjoni, tippermetti konformità prevedibbli minflok "27 mod" biex jiġi ssodisfat l-istess obbligu tal-Att dwar l-IA.

Emenda 311
Markéta Gregorová, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 72 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) fl-Artikolu 72, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"3. Is-sistema tal-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq għandha tkun ibbażata fuq pjan tal-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq. Il-pjan tal-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq għandu jkun parti mid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness IV. Il-Kummissjoni għandha tadotta gwida dwar il-pjan tal-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq.";	

Or. en

Emenda 312
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 72 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Is-sistema ***tal-monitoraġġ*** ta' wara t-tqegħid fis-suq għandha tkun ibbażata fuq pjan ***tal-monitoraġġ*** ta' wara t-tqegħid fis-suq. Il-pjan ***tal-monitoraġġ*** ta' wara t-tqegħid fis-suq għandu jkun parti mid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness IV. Il-Kummissjoni għandha tadotta gwida dwar il-pjan ***tal-monitoraġġ*** ta' wara t-tqegħid fis-suq.;	3. Is-sistema ***ta' sorveljanza*** ta' wara t-tqegħid fis-suq għandha tkun ibbażata fuq pjan ***ta' sorveljanza*** ta' wara t-tqegħid fis-suq. Il-pjan ***ta' sorveljanza*** ta' wara t-tqegħid fis-suq għandu jkun parti mid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness IV. Il-Kummissjoni għandha tadotta gwida dwar il-pjan ***ta' sorveljanza*** ta' wara t-tqegħid fis-suq***, inkluż mudell u l-lista ta' elementi li jridu jiġu inklużi fil-***

pjan.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test oriġinali tal-Att dwar l-IA jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi mudell u l-lista ta' elementi li jridu jiġu inklużi fil-pjan ta' sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq. Dan għandu jibqa' fil-gwida mħejjija mill-Kummissjoni, biex jiġi żgurat li l-partijiet ikkonċernati jkollhom għodod adegwati biex jikkonformaw mal-obbligi partikolari.

Emenda 313
Brando Benifei, Kristian Vigenin, Christel Schaldemose, Pierre Jouvet, Marc Angel, Francisco Assis, Alex Agius Saliba, José Cepeda, Elena Sancho Murillo, François Kalfon, Elisabeth Grossmann, Hannes Heide

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 72 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Is-sistema ***tal-monitoraġġ*** ta' wara t-tqegħid fis-suq għandha tkun ibbażata fuq pjan ***tal-monitoraġġ*** ta' wara t-tqegħid fis-suq. Il-pjan ***tal-monitoraġġ*** ta' wara t-tqegħid fis-suq għandu jkun parti mid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness IV. Il-Kummissjoni għandha tadotta gwida dwar il-pjan ***tal-monitoraġġ*** ta' wara t-tqegħid fis-suq.;	3. Is-sistema ***ta' sorveljanza*** ta' wara t-tqegħid fis-suq għandha tkun ibbażata fuq pjan ***ta' sorveljanza*** ta' wara t-tqegħid fis-suq. Il-pjan ***ta' sorveljanza*** ta' wara t-tqegħid fis-suq għandu jkun parti mid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness IV. Il-Kummissjoni għandha tadotta gwida dwar il-pjan ***ta' sorveljanza*** ta' wara t-tqegħid fis-suq***, inkluż mudell b'elementi li jridu jiġu inklużi sat-2 ta' Frar 2027.”***;

Or. en

Emenda 314
Piotr Müller, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) fl-Artikolu 74, il-paragrafu 13 ***huwa mħassar***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-divulgazzjoni obbligatorja tal-kodiċi tas-sors proprjetarju tesponi informazzjoni sensittiva dwar sigurtà u sigriet kummerċjali, iżda żżid biss benefiċċji ta' sorveljanza marġinali minħabba li t-trasparenza, id-dokumentazzjoni u l-għodod tal-awditjar eżistenti huma diġà disponibbli skont l-Att dwar l-IA.

Emenda 315
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 74a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 74a
	L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandu jkollhom il-promozzjoni tal-innovazzjoni, tal-kompetittività, u tat-tkabbir ekonomiku bħala objettivi ċentrali li jinfurmaw il-ħidma tagħhom u jkunu integrati fl-attivitajiet tagħhom. Kull sena, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jirrapportaw dwar kif ikunu laħqu dawn l-objettivi.";

Or. en

Emenda 316
Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 74 – paragrafu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) fl-Artikolu 74, jiddaħħal il-paragrafu 14a li ġej:
	"14a. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom skont dan l-Artikolu u r-Regolament (UE) 2019/1020, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iqisu l-impatt tal-azzjonijiet ta' infurzar u tal-inizjattivi regolatorji tagħhom fuq il-kompetittività u l-innovazzjoni, filwaqt li jiżguraw li l-miżuri meħuda jkunu proporzjonati.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-objettiv tal-pakkett Omnibus huwa li jiżgura li r-regolamentazzjoni ma toħnoqx l-innovazzjoni. Jidher xieraq li l-inizjattivi futuri mill-Awtoritajiet tas-Sorveljanza tas-Suq l-ewwel jitwieżnu mal-impatt tagħhom fuq il-kompetittività u l-innovazzjoni, kif previst mill-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar tal-UE.

Emenda 317
Piotr Müller, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24b (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1689
Artikolu 74a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24b) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 74a
	Kunsiderazzjonijiet ta' infurzar
	Fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Kummissjoni għandhom iqisu kif xieraq l-objettivi tal-promozzjoni tal-innovazzjoni, tal-iżvilupp teknoloġiku u tal-

kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni. Huma għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'mod proporzjonat u teknoloġikament newtrali, filwaqt li jiffaċilitaw, meta xieraq, l-iżvilupp, l-ittestjar u l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' intelliġenza artifiċjali, id-disseminazzjoni tal-aħjar prattiki, u l-kooperazzjoni bejn l-industrija, l-akkademja u l-korpi pubbliċi. Mill-1 ta' Jannar 2029, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Kummissjoni għandhom jippubblikaw rapport biannwali kull wieħed, li jinkludi metrika trasparenti, li turi kif dawn l-objettivi ġew integrati fl-attivitajiet tagħhom.";

Or. en